Kunsill ta' l-Ewropa
Kumitat tal-Ministri

**Rakkomandazzjoni Rec(2006)5**
**tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri**
**Dwar il-Pjan ta' Azzjoni biex jippromwovi d-drittijiet u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta': intejbu l-kwalita' tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita' fl-Ewropa 2006-2015**

*(Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fil-5 ta' April 2006 fid-961 laqgħa tar-rappreżentanti tal-Ministri)*

Il-Kumitat tal-Ministri,

Ifakkar ir-Riżoluzzjoni (59) tat-23 ta' Novembru 1959, dwar l-estensjoni ta' l-attivitajiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa fl-oqsma soċjali u kulturali;

Jagħti konsiderazzjoni tar-Riżoluzzjoni (96) 35 tat-2 ta' Ottubru 1996 li tirrivedi l-Ftehim Parzjali fil-qasam Soċjali u tas-Saħħa Pubblika (Partial Agreement in the Social and Public Health Field), fejn irriveda l-istrutturi tal-Ftehim Parzjali, u rrisolva li jkompli, fuq il-bażi tar-regoli riveduti li ħadu post dawk li kienu jinsabu fir-Riżoluzzjoni (59) 23, l-attivitajiet li sa dak in-nhar kienu jsiru u jiġu żviluppati bis-saħħa ta' dik ir-Riżoluzzjoni, maħsuba, inter alia, biex tintegra l-persuni b'diżabilita' fil-komunita' bil-ħsieb li tiddefinixxi u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni fuq il-livell Ewropew ta' *policy*, koerenti u li tkun mudell, dwar il-persuni b'diżabilita', ibbażata fuq il-prinċipji taċ-cittadinanza sħiħa u għajxien indipendenti, li timplika l-eliminazzjoni ta' l-ostakli għall-integrazzjoni, huma x'inhuma, kemm jekk psikoloġiċi, edukattivi, familjari, kulturali, soċjali, professjonali, finanzjarji jew arkitettoniċi;

Jikkonsidra li l-għan tal-Kunsill ta' l-Ewropa hu li jsawwar għaqda akbar bejn il-membri tiegħu u li dan il-għan jista' jintlaħaq, inter alia, bl-adottazzjoni ta' regoli komuni fil-qasam tal-*policy* dwar id-diżabilita' bil-għan li jiġu inkoraġġiti l-protezzjoni tad-drittijiet politiċi, ċivili, soċjali, kulturali u edukattivi;

Iżomm f'moħħu l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms) (ETS Nru. 5);

Iżomm f'moħħu l-prinċipji msawra fil-Karta Soċjali Ewropea riveduta (European Social Charter) (ETS Nru. 163), jiġifieri d-dritt tal-persuni b'diżabilita' għall-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunita';

Jagħti konsiderazzjoni tar-Regoli Standard dwar Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilita' tan-Nazzjonijiet Uniti, (United Nations Standard rules on the Equalisation of Opportunities for Persons with Disabilities),1993;

Jagħti konsiderazzjoni tal-Klassifika Internazzjonali dwar il-Funzjonalita', id-Diżabilita' u s-Saħħa (International Classification of Functioning, Disability and Health (ICF) ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), 2001;

Jagħti konsiderazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ir-Rijabilitazzjoni Vokazzjonali u l-Impjieg (Persuni b'Diżabilita') ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) (Nru. C159), (Convention concerning Vocational Rehabilitation and Employment (Disabled Persons) of the International Labour Organisation (ILO) 1983, u r-Rakkomandazzjoni relatata ta' l-ILO dwar ir-Rijabilitazzjoni Vokazzjonali u l-Impjieg (Persuni b'Diżabilita') (Nru. R168) (Vocational Rehabilitation and Employment (Disabled Persons)), 1983;

Jagħti konsiderazzjoni lir-Rakkomandazzjoni Nru. R (92) 6 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar *policy* koerenti għall-persuni b'diżabilita';

Jagħti konsiderazzjoni lid-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Persuni b'Diżabilita' "Progress lejn il-parteċipazzjoni sħiħa bħala ċittadini" (Progressing towards full participation as citizens), adottata mit-tieni Konferenza Ewropea tal-Ministri responsabbli mill-*policies* ta' integrazzjoni tal-persuni b'diżabilita' li saret f'Malaga (Spanja) fis-7 u t-8 ta' Mejju 2003;

Jagħti konsiderazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tat-tielet Sammit tal-Kapijiet ta' l-Istati u Gvernijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa (CM(2005)80 finali), adottata f'Varsavja fis-17 ta' Mejju 2005, li jfassal ir-rwoli u r-responsabbiltajiet prinċipali tal-Kunsill ta' l-Ewropa għas-snin li ġejjin;

Jagħti konsiderazzjoni lir-Rakkomandazzjoni 1592 (2003) ta' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa "Lejn Inklużjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita'" (Towards full social inclusion of people with disabilities);

Jirrijafferma l-universalita', l-indiviżibilita' u l-interdipendenza tad-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha u l-bżonn li l-persuni b'diżabilita' jkollhom il-garanzija li jgawduhom b'mod mingħajr ebda diskriminazzjoni;

Jikkonsidra li l-istima tal-proporzjon tal-persuni b'diżabilita' fil-popolazzjoni totali ta' l-Ewropa hi ta' bejn 10 u 15%, li l-kawżi prinċipali tad-diżabilita' huma l-mard, l-inċidenti u l-kundizzjonijiet ta' diżabilita' fost l-anzjani, u li n-numru tal-persuni b'diżabilita' qed jiżdied b'mod konsistenti minħabba, inter alia, li qed jiżdied it-tul tal-ħajja;

Jikkonsidra n-nuqqas ta' promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini b'diżabilita' u li l-assigurazzjoni lilhom għall-opportunitajiet indaqs ifisser tkasbir tad-dinjita' umana;

Jikkonsidra li assigurazzjoni għall-opportunitajiet indaqs għall-membri tal-gruppi kollha fis-soċjeta' tikkontribwixxi biex tiġi assigurata d-demokrazija u l-għaqda soċjali;

Konvinti li politika bbażata fuq id-drittijiet umani biex tassigura l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta' għandha tkun inkorporata fl-oqsma relevanti kollha tal-*policies* fil-livelli internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali;

Jenfasizza l-bżonn li l-oqsma tad-diżabilita' jkunu *mainstreamed* f'kull settur permezz ta' *policies* koerenti u azzjoni koordinata;

Jagħraf ix-xogħol li sar mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni u l-Integrazzjoni tal-Persuni b'Diżabilita' (CD-P-RR) fit-tfassil ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita';

Jenfasizza l-importanza li tiġi stabbilita sħubija ma' l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilita' fl-implimentazzjoni u l-attivitajiet li jsegwu dak li jkun ġara (follow-up) tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita';

Jirrakkomanda li l-gvernijiet ta' l-istati membri jagħtu konsiderazzjoni xierqa lill-istrutturi speċifiċi tagħhom kemm dawk nazzjonali, reġjonali u lokali u r-responsabbiltajiet rispettivi;

a. Jintegra kif xieraq fil-*policy*, leġislazzjoni u prattiċi, il-prinċipji, u jimplimenta l-azzjonijiet, li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa li tippromwovi d-drittijiet u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta': ittejjeb il-kwalita' tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita' fl-Ewropa bejn l-2006 u l-2015, kif jidher fl-appendiċi ta' din ir-rakkomandazzjoni;

b. Jippromwovi l-implimentazzjoni u t-twettieq tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' 2006-2015 tal-Kunsill ta' l-Ewropa fl-oqsma li m'humiex ir-responsabbilta' diretta ta' awtoritajiet pubbliċi, imma li madankollu għandhom ċertu poter jew li jista' jkollhom xi rwol;

ċ. Jassigura, għal dan il-għan, id-dissiminazzjoni l-akbar possibbli fost l-entitajiet kollha konċernati, per eżempju permezz ta' kampanji ta' għarfien pubbliku u l-kooperazzjoni mas-settur privat u s-soċjeta' ċivili, bl-involviment, b'mod partikulari ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-persuni b'diżabilita'.

*Appendiċi għar-Rakkomandazzjoni Rec(2006)5*

**Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa biex tippromwovi d-drittijiet u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta': titjib fil-kwalita' tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita' fl-Ewropa 2006-2015**

Werrej


1. Sommarju Eżekuttiv

2. Introduzzjoni

3. Gruppi ta' Azzjoni (Action line) prinċipali

    3.1. Grupp ta' Azzjoni Nru. 1: Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika
    3.2. Grupp ta' Azzjoni Nru. 2: Parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali
    3.3. Grupp ta' Azzjoni Nru. 3: Informazzjoni u komunikazzjoni
    3.4. Grupp ta' Azzjoni Nru. 4: Edukazzjoni
    3.5. Grupp ta' Azzjoni Nru. 5: Impjieg, gwida vokazzjonali u taħriġ
    3.6. Grupp ta' Azzjoni Nru. 6: L-ambjent mibni
    3.7. Grupp ta' Azzjoni Nru. 7: Trasport
    3.8. Grupp ta' Azzjoni Nru. 8: Għajxien fil-komunita'
    3.9. Grupp ta' Azzjoni Nru. 9: Kura tas-Saħħa
    3.10. Grupp ta' Azzjoni Nru. 10: Rijabilitazzjoni
    3.11. Grupp ta' Azzjoni Nru. 11: Protezzjoni soċjali
    3.12. Grupp ta' Azzjoni Nru. 12: Protezzjoni legali
    3.13. Grupp ta' Azzjoni Nru. 13: Protezzjoni kontra l-vjolenza u l-abbuż
    3.14. Grupp ta' Azzjoni Nru. 14: Riċerka u żvilupp
    3.15. Grupp ta' Azzjoni Nru. 15: Għarfien pubbliku

4. Aspetti li jimxu mal-pjan kollu (cross-cutting)

    4.1. Introduzzjoni
    4.2. Nisa u tfal bniet b'diżabilita'
    4.3. Persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn ta' livell għoli ta' sapport
    4.4. Tfal u żgħażagħ b'diżabilita'
    4.5. L-anzjanita' ta' persuni b'diżabilita'
    4.6. Persuni b'diżabilita' minn minoranzi u immigranti

5. Implimentazzjoni u azzjoni li ssegwi dak li jkun sar

    5.1. Introduzzjoni
    5.2. Implimentazzjoni
    5.3. Azzjoni li ssegwi dak li jkun sar

Appendiċi 1 Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Persuni b'Diżabilita', "Progress lejn il-parteċipazzjoni sħiħa bħala ċittadini", adottata mit-tieni Konferenza Ewropea tal-Ministri responsabbli mill-*policies* ta' integrazzjoni tal-persuni b'diżabilita', Malaga (Spanja), 7-8 ta' Mejju 2003

Appendiċi 2 Testi ta' riferenza

# 1. Sommarju Eżekuttiv

## *1.1. L-Impenn*

### *1.1.1. Id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Malaga dwar il-Persuni b'Diżabilita'*

Fl-1992, wara li saret l-ewwel Konferenza Ewropea tal-Ministri responsabbli mill-*policies* dwar il-persuni b'diżabilita', il-Kumitat tal-Ministri adotta r-Rakkomandazzjoni Nru. R(92) 6 dwar *policy* koerenti dwar il-persuni b'diżabilita'.

Din ir-rakkomondazzjoni li kienet waħda minn ta' l-ewwel f'dan  is-settur, influwenzat il-*policies* dwar id-diżabilita' għal aktar minn għaxar snin u għenet biex isiru pjanijiet ġodda dwar *policy* ta' inklużjoni li permezz tagħhom ibbenefikaw b'mod pożittiv il-persuni b'diżabilita' kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

Madankollu, fis-soċjeta' seħħew bidliet importanti u strateġiji ġodda huma meħtieġa biex fl-għaxar snin li ġejjin l-approwċ fil-qasam tad-diżabilita' jkompli jkun wieħed soċjali u bbażat fuq id-drittijiet umani.

F'Mejju 2003, fit-Tieni Konferenza Ministerjali Ewropea, li saret f'Malaga, Spanja, il-Ministri responsabbli mill-*policies* dwar il-persuni b'diżabilita' adottaw id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Malaga dwar il-Persuni b'Diżabilita'; "Progress lejn il-parteċipazzjoni sħiħa bħala ċittadini".

Ġiet adottata strateġija xierqa biex jitfassal Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' mill-Kunsill ta' l-Ewropa maħsub biex jippromwovi d-drittijiet umani u jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita' fl-Ewropa.

### *1.1.2. Stqarrija ta' Impenn*

Il-Pjan ta' Azzjoni 2006-2015 tal-Kumsill ta' l-Ewropa jipprova jittraduċi l-għanijiet tal-Kunsill ta' Ewropa fir-rigward tad-drittijiet umani, non-diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs, ċittadinanza sħiħa u parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilita' f'qafas ta' *policy* Ewropea dwar id-diżabilita' għall-għaxar snin li ġejjin.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan li jipprovdi qafas komprensiv li hu flessibbli kif ukoll li jista' jiġi addattat biex jilħaq il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' pajjiżi differenti. Hu għandu l-għan li jservi bħala mappa gwida għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, biex jgħinhom ifasslu, jaddattaw, jerġgħu jiffukaw u jimplimentaw pjanijiet xierqa, programmi u strateġiji innovattivi.

Il-Kunsill ta' l-Ewropa jaħdem biex jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' billi jipprovdi assistenza lill-istati membri kollha permezz ta' rakkomandazzjonijiet, pariri u informazzjoni esperta.

### *1.2. Prinċipji fundamentali u għanijiet strateġiċi*

#### *1.2.1. Prinċipji fundamentali*

Stati membri se jkomplu jaħdmu f'qafas anti-diskriminatorju bbażat fuq id-drittijiet umani biex iħeġġu l-indipendenza, il-liberta' għall-għażla u l-kwalita' tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita', u biex jitqajjem għarfien pubbliku akbar dwar id-diżabilita' bħala parti mid-diversita' umana.

Trid tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-istrumenti eżistenti relevanti kemm Ewropej kif ukoll internazzjonali, trattati u pjanijiet, partikularment l-iżviluppi relatati ma' l-abbozz tal-Konvenzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilita'.

L-Istrateġija Ġdida dwar il-Koeżjoni Soċjali (2004) tal-Kunsill ta' l-Ewropa turi li għandu jkun hemm impenn partikulari biex jassigura aċċess għad-drittijiet umani lill-persuni li qegħdin f'riskju li jsiru vulnerabbli, bħalma huma t-tfal u żgħażagħ, l-immigranti u minoritajiet etniċi, persuni b'diżabilita' u l-anzjani.

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' jirrikonoxxi l-prinċipju bażiku li s-soċjeta' għandha d-dmir lejn iċ-ċittadini tagħha biex tassigura li l-effetti tad-diżabilita' jiġu minimizzati billi b'mod attiv tissapportja stil ta' ħajja b'saħħtu, ambjenti aktar siguri, kura tas-saħħa adekwata, rijabilitazzjoni u komunitajiet li jagħtu sapport.

### *1.2.2. Għanijiet Strateġiċi*

L-għan prinċipali tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' hu li jservi ta' għodda prattika u li jimplimenta strateġiji vijabbli li jwasslu għal parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta' u fl-aħħar li d-diżabilita' tkun *mainstreamed* fl-oqsma kollha ta' *policy* ta' l-istati membri. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan li jilħaq kundizzjonijiet speċifiċi ta' pajjiżi differenti kif ukoll proċessi transitorji li jeżistu f'diversi pajjiżi membri.

Fih rakkomandazzjonijiet biex jittieħdu azzjonijiet speċifiċi fil-livell nazzjonali kif ukoll biex jiffokaw fuq aspetti ta' gruppi vulnerabbli ta' persuni b'diżabilita' li jiffaċċjaw ostakli speċifiċi u problemi li jirrikjedu tweġiba minn diversi oqsma differenti.

Il-Pjan jinkoraġġixxi l-istati membri li jwieġbu għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita' billi jipprovdu servizzi ta' kwalita' u innovattivi u li jsaħħu miżuri eżistenti.

Il-Pjan ta' Azzjoni jfittex li jipprovdi sors bżonnjuż ta' ispirazzjoni għall-intrapriża privata, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet oħra internazzjonali. Il-Pjan iqis l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-persuni b'diżabilita' bħala sħab kompetenti u esperti fl-iżvilupp tal-*policy*, li għandhom ikunu kkonsultati bħala parti integrali mill-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw lil ħajjithom. L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni jkun segwit u evalwat b'mod regolari biex jiġi identifikat il-progress li jkun sar fuq il-livell nazzjonali kif ukoll biex prattiċi tajbin ikunu magħrufa aktar.

## *1.3. Gruppi ta' azzjoni prinċipali*

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' tal-Kunsill ta' l-Ewropa għandu skop wiesa', li jiġbor fih l-oqsma prinċipali tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita'. Dawn l-oqsma prinċipali huma riflessi fi 15-il grupp ta' azzjoni li jagħtu l-Objettivi prinċipali u azzjonijiet speċifiċi biex ikunu implimentati mill-istati membri.

Il-Gruppi ta' Azzjoni huma l-qalba tal-Pjan ta' Azzjoni. Huma jkopru l-oqsma li ġejjin:

- ☐ Nru. 1: Parteċipazzjoni bil-ħajja politika u pubblika;
- ☐ Nru. 2: Parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali;
- ☐ Nru. 3: Informazzjoni u komunikazzjoni;
- ☐ Nru. 4: Edukazzjoni;
- ☐ Nru. 5: Impjieg, gwida vokazzjonali u taħriġ;
- ☐ Nru. 6: L-ambjent mibni;
- ☐ Nru. 7: Trasport;
- ☐ Nru. 8: Għajxien fil-komunita';
- ☐ Nru. 9: Kura tas-saħħa;

- Nru. 10: Rijabilitazzjoni;
- Nru. 11: Protezzjoni soċjali;
- Nru. 12: Protezzjoni legali;
- Nru. 13: Protezzjoni kontra l-vjolenza u l-abbuż;
- Nru. 14: Riċerka u żvilupp; u
- Nru. 15: Għarfien pubbliku.

Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika (Nru. 1) u l-proċessi demokratiċi huma essenzjali għall-iżvilupp u l-manteniment ta' soċjetajiet demokratiċi. Persuni b'diżabilita' għandhom ikollhom l-opportunita' li jinfluwenzaw id-destin tal-komunitajiet tagħhom. Għalhekk hu importanti li persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom biex jivvutaw u li jipparteċipaw fl-attivitajiet politiċi u pubbliċi.

Biex ikunu integrati b'mod sħiħ, persuni b'diżabilita' għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja kulturali (Nru. 2) tas-soċjeta. Miżuri xierqa għandhom jittieħdu biex jassiguraw li, persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet u assoċjazzjonijiet kulturali u li jistgħu jiżviluppaw u jutilizzaw il-potenzjal kreattiv u intellettwali għal benefiċċju tagħhom stess u tal-komunitajiet tagħhom.

F'dan ir-rigward, l-aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni (Nru. 3) hu prerekwiżit. Hu importanti li entitajiet li jipprovdu l-informazzjoni u l-komunikazzjoni kemm pubbliċi kif ukoll privati jagħtu każ tal-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita'. Miżuri xierqa għandhom jittieħdu biex jassiguraw li persuni b'diżabilita' jistgħu jirċievu u jibagħtu informazzjoni bl-istess mod li jagħmlu membri oħra tas-soċjeta'.

Aċċess ugwali għall-edukazzjoni (Nru. 4) hu rekwiżit fundamentali biex jassigura li jkun hawn inklużjoni soċjali kif ukoll l-indipendenza lill-persuni b'diżabilita'. L-edukazzjoni għandha tkopri l-istadji kollha tal-ħajja minn dik ta' qabel l-iskola għall-edukazzjoni professjonali, kif ukoll it-tagħlim ta' matul il-ħajja kollha. L-edukazzjoni fl-iskejjel *mainsteamed* u programmi speċjalizzati, kif xieraq, għandhom ikunu mħeġġa li jaħdmu flimkien biex jissapportjaw lill-persuni b'diżabilita' fil-komunitajiet lokali tagħhom. Approwċ *mainstreamed* jista' jikkontribwixxi biex il-persuni bla diżabilita' jkollhom għarfien akbar dwar id-diversita' umana.

L-impjieg, il-gwida vokazzjonali u t-taħriġ (Nru. 5) huma fatturi prinċipali għall-inklużjoni soċjali u l-indipendenza ekonomika tal-persuni b'diżabilita'. Liġijiet, miżuri u servizzi huma meħtieġa biex nassiguraw li persuni b'diżabilita' jkollhom opportunitajiet indaqs biex ikollhom u jżommu impjieg. Aċċess ugwali għall-impjieg għandu jiġi msaħħaħ billi jkun hemm taħlita ta' miżuri anti-diskriminatorji u azzjoni pożittiva kif ukoll li l-*issues* relatati ma' l-impjieg tal-persuni b'diżabilita' jiġu *mainstreamed* fil-*policies* ġenerali dwar l-impjieg.

Ambjent mibni aċċessibbli u bla ostakli (Nru. 6) jinkoraġġixxi opportunitajiet indaqs, għajxien indipendenti, involviment attiv fil-komunita' u aċċess għall-impjieg. Meta l-prinċipji tad-Disinn Universali jkunu applikati, ikun qed jiġi stabbilit ambjent li hu aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' u l-ħolqien ta' ostakli ġodda jiġu evitati.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' trasport aċċessibbli (Nru. 7) f'kull livell għandu jkun ir-riżultat ta' titjib sostanzjali lill-persuni b'diżabilita' fis-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri. Dan hu prerekwiżit biex tinkiseb l-indipendenza, il-parteċipazzjoni sħiħa fid-dinja tax-xogħol u parteċipazzjoni attiva fil-komunita'.

Persuni b'diżabilita' għandhom ikunu jistgħu jgħixu ħajja indipendenti l-aktar possibbli inkluż li jkunu jistgħu jagħżlu fejn u kif jgħixu. Opportunitajiet għal għajxien indipendenti u inklużjoni soċjali jinħolqu l-ewwel u qabel kollox fil-komunita'. It-tisħiħ tal-għajxien fil-komunita' (Nru. 8) jinħtieġ *policies* strateġiċi li jissapportjaw it-transizzjoni minn ħarsien f'istituzzjonijiet għal għażliet ibbażati fil-komunita' li jvarjaw minn arranaġamenti ta' għajxien indipendenti sa arranġamenti żgħar li jkunu protetti u ssapportjati. Jimplika wkoll approwċ ikkoordinat fl-għoti ta' servizzi li jkunu mbuttati minn min qed jużahom, ibbażati fil-komunita' u li jkollhom strutturi ta' sapport iċċentrati fuq il-persuna.

Persuni b'diżabilita', bħal persuni bla diżabilita', għandhom bżonn kura tas-saħħa adekwata (Nru. 9) u għandhom ikollhom aċċess ugwali għal servizz ta' kura tas-saħħa li tkun ta' kwalita' tajba u li tirrispetta d-drittijiet tal-klijent. F'dan ir-rigward, hu importanti li professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa (jkunu mħarrġa biex) jiffokaw aktar fuq il-mudell soċjali tad-diżabilita'.

Biex id-diżabilita' ma tmurx għall-agħar, jitnaqqsu l-konsegwenzi tagħha u tissaħħaħ l-indipendenza tal-persuni b'diżabilita', hemm bżonn li jiġu implimentati programmi ta' rijabilitazzjoni komprensivi (Nru. 10)  li jinkludu varjeta' ta' servizzi aċċessibbli, u kif ikun xieraq, fil-komunita'.

Servizzi pprovduti mis-sistema tal-protezzjoni soċjali (Nru.11), inkluż is-sigurta' soċjali, l-assistenza u s-sapport soċjali, jistgħu jikkontribwixxu għal kwalita' tal-ħajja ta' min jirċevihom. Persuni b'diżabilita' għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod adekwat mis-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jkollhom aċċess ugwali għal dawn is-servizzi. *Policies* li jinkoraġġixxu bidla minn dipendenza fuq il-benefiċċji għall-impjieg u l-indipendenza għandhom, fejn possibbli, ikunu inkoraġġiti.

Persuni b'diżabilita' għandhom ikollhom aċċess għas-sistema legali fuq l-istess bażi bħal ċittadini oħra. Il-protezzjoni legali (Nru. 12) għandha tinkludi miżuri xierqa biex telimina d-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilita'. Qafas legali u amministrattiv adekwat hu neċessarju  biex tiġġieled u ma tħallix li ssir diskriminazzjoni.

Is-soċjeta' wkoll għandha d-dmir li persuni b'diżabilita' jkunu protetti minn atti ta' abbuż u vjolenza (Nru. 13) u li dawn l-atti ma jsirux u li tassigura li jingħata sapport xieraq lill-vittmi ta' abbuż u vjolenza.

Ir-riċerka u l-iżvilupp (Nru. 14), il-ġbir u l-analiżi ta' l-istatistika huma essenzjali biex jitfasslu u jiġu implimentati *policies* li jkunu infurmati tajjeb u bbażati fuq evidenza. Informazzjoni ta' min jorbot fuqha tgħin ħafna biex jiġu identifikati *issues* ġodda u tgħin ukoll biex jitfasslu soluzzjonijiet. Hu importanti wkoll li jiġu identifikati prattiċi tajbin u li t-tibdil li jseħħ fis-soċjeta' jkun immoniterjat.

L-għarfien pubbliku (Nru. 15) hu qasam li jorbot mal-Pjan ta' Azzjoni kollu. Imġiba diskriminatorja u l-istigmatizzazzjoni għandhom ikunu miġġielda u mwarrba permezz ta' informazzjoni aċċessibbli u oġġettiva dwar il-konsegwenzi tan-nuqqasijiet bijoloġiċi u d-diżabilitajiet biex hekk jiġi inkoraġġit għarfien aħjar tal-bżonnijiet u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta' u jkun inkoraġġit il-*mainstreaming* ta' l-oqsma tad-diżabilita' fil-pubblikazzjonijiet kollha tal-gvern kif ukoll pubblikazzjonijiet tal-medja.

### *1.4. Aspetti li jimxu mal-pjan kollu*

Fi ħdan il-popolazzjoni tal-persuni b'diżabilita' Ewropea hemm persuni b'diżabilita' li jiffaċċjaw ostakli speċifiċi jew jesperjenzaw diskriminazzjoni doppja.

Nisa u tfal bniet b'diżabilita', persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport, tfal u żgħażagħ b'diżabilita', persuni b'diżabilita' li qed jixjieħu u persuni b'diżabilita' li ġejjin minn minoranzi jew minn komunitajiet ta' immigranti huma ġeneralment f'riskju akbar ta' esklużjoni u ġeneralment għandhom livelli aktar baxxi ta' parteċipazzjoni fis-soċjeta' minn persuni oħra b'diżabilita'.

Nisa u tfal bniet spiss jiffaċċjaw ostakli doppji jew aktar biex jipparteċipaw fis-soċjeta' minħabba diskriminazzjoni, kemm għax huma nisa kif ukoll għax għandhom diżabilita'. Is-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u tfal bniet għandha tiġi kkunsidrata meta jiġu żviluppati *policies* u programmi *mainstreamed* f'kull livell kemm dwar l-oqsma tal-ġeneru kif ukoll tad-diżabilita'.

Wieħed mill-gruppi ta' persuni b'diżabilita' l-aktar vulnerabbli huwa, minħabba s-severita' u l-kumpless tad-diżabilita', dak tal-persuni li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport. Il-kwalita' tal-ħajja tagħhom tiddependi ħafna fuq kemm jeżistu servizzi ta' kwalita' xierqa u speċifiċi, ħafna drabi li tinvolvi sapport intensiv. L-ippjanar u l-koordinament bejn l-awtoritajiet differenti, aġenziji tal-gvern u entitajiet oħra li jipprovdu servizz, huma bżonnjużi biex jiġu indirizzati b'mod xieraq il-problemi speċifiċi ta' dan il-grupp ta' persuni.

Tfal b'diżabilita' għandhom igawdu l-istess drittijiet kif hemm fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal flimkien ma' opportunitajiet bħal tfal oħra. Żgħażagħ b'diżabilita' huma wkoll grupp vulnerabbli fis-soċjeta tagħna.

Huma għadhom jiffaċċjaw diversi ostakli biex jaċċessaw l-aspetti kollha tal-ħajja. Il-problemi speċifiċi li jiffaċċjaw it-tfal u żgħażagħ b'diżabilita' jridu jiġu studjati f'aktar dettall biex jitfasslu u jiġu implimentati *policies* li jkunu infurmati tajjeb u li jifirxu fuq firxa wiesgħa ta' oqsma differenti tal-*policies*.
Il-mod dejjem tiela' ta' l-anzjanita' tal-persuni b'diżabilita', b'mod partikulari dawk li għandhom bżonn sapport intensiv, jippreżenta sfidi ġodda lis-soċjetajiet madwar l-Ewropa. Approwċis innovattivi huma meħtieġa biex nilqgħu għal dawn l-isfidi u li jkopru oqsma wesgħin ta' *policies* u servizzi.

Persuni b'diżabilita' minn minoranzi u minn komunitajiet ta' l-immigranti jistgħu jesperjenzaw żvantaġġi doppji jew aktar minħabba diskriminazzjoni jew nuqqas ta' familjarita' għas-servizzi pubbliċi. Approwċ komprensiv, li jieħu konsiderazzjoni ta' l-isfond kulturali, il-lingwa u l-bżonnijiet partikolari, hu meħtieġ biex jiġu indirizzati problemi speċifiċi li dan il-grupp qed jiffaċċja.

Il-gruppi speċifiċi msemmija hawn fuq ta' persuni b'diżabilita' jinħtieġu rispons li jimxi mal-pjan ta' azzjoni kollu biex tiġi assigurata l-inklużjoni tagħhom fis-soċjeta'. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom jagħrfu l-ostakli u l-isfidi li kull wieħed minn dawn il-gruppi jiffaċċjaw u jassiguraw li l-*policies* jinkludu azzjonijiet li jimxu ma' gruppi ta' azzjonjijiet prinċipali biex jitneħħew dawk l-ostakli u jiġi assigurat l l-individwi jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Approwċ li jkollu żewġ binarji, li jitlaq minn dan il-Pjan ta' Azzjoni u mill-Istrateġija Ġdida dwar il-Koeżjoni Soċjali (2004) tal-Kunsill ta' l-Ewropa, hi meħtieġa biex tippromwovi l-iżvilupp ta' miżuri effettivi li jimxu mal-pjan kollu u li anke jippromwovu *policies* integrati.

### *1.5. Implimentazzjoni u azzjoni li ssegwi dak li jkun sar*

B'konformita' mal-prinċipji fundamentali li fuqhom huma bbażati l-gruppi ta' azzjoni u l-aspetti li jsegwu l-pjan kollu, il-prinċipji tad-Disinn Universali, il-kwalita', it-taħriġ u l-*mainstreaming* huma elementi vitali għall-istrateġija ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita'. L-applikazzjoni tal-prinċipji tad-Disinn Universali hija ta' importanza kbira biex titjieb l-aċċessibilita' fl-ambjent u l-użu ta' prodotti. Hu wkoll essenzjali li l-*policies*, l-azzjonijiet u s-servizzi kollha jkunu bbażati fuq standards għoljin f'termini ta' kwalita'. Approwċ *mainstreamed* fl-iżvilupp tal-*policy* u l-għoti tas-servizzi għandu rwol importanti biex jippromwovi soċjeta' aktar inklużiva.

Stati membri għandhom ir-responsabbilta' primarja għall-implimentazzjoni ta' *policies* dwar id-diżabilita' fuq il-livell nazzjonali u b'mod partikolari għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jagħmlu riferenza għalihom taħt kull grupp ta' azzjoni ta' dan il-pjan. Stati membri għandhom jibdew b'evalwazzjoni tal-*policies* eżistenti u l-prinċipji li fuqhom huma mibnija dawn il-*policies*, u jqabbluhom ma' dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita', jiġu identifikati liema oqsma jinħtieġu aktar progress u liema azzjonijiet speċifiċi jridu jitwettqu.

Bażat fuq dik l-evalwazzjoni, l-istati membri għandhom joħolqu strateġiji maħsuba biex il-*policies* tagħhom, fuq medda ta' żmien, ikunu konformi mar-rakkomondazzjonijiet u l-prinċipji li fuqhom hu mibni l-Programm ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita', fil-qafas tar-riżorsi finanzjarji nazzjonali.

Stati membri għandhom ifittxu approwċis komuni u jistabbilixxu sħubija ma' dawk kollha involuti, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-persuni b'diżabilita', fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita'.

L-entitajiet u l-kumitati kollha relevanti tal-Kunsill ta' l-Ewropa ġew ikkonsultati biex iiġi assigurat għarfien u implimentazzjoni akbar tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita'.

Il-Kumitat tal-Ministri għandu jaħtar forum għal dan il-għan biex jimmaniġġja l-proċess ta' l-azzjoni li ssegwi dak li jkun sar u jkun jista' jirrakkomanda lill-istati membri janalizzaw fid-dettal oqsma ta' prijorita' speċifika. Proċess effettiv ta' azzjoni li ssegwi dak li jkun sar għal Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' tirrikjedi li l-istati membri jipprovdu lill-forum li jkollu dan l-inkarigu bl-informazzjoni relevanti b'mod regolari.

Il-forum maħtur għandu jassigura li l-Kumitat tal-Ministri hu regolarment infurmat bil-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabiilta'.

## 2. Introduzzjoni

### *2.1. L-Impenn*

Il-Pjan ta' Azzjoni jaħdem biex jara li l-għanijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa fir-rigward tad-drittijiet umani, non-diskriminazzjoni, opportunitajiet indaqs, ċittadinanza sħiħa u l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilita', jinbidlu f'qafas Ewropew dwar id-diżabilita' għall-għaxar snin li ġejjin.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni jipprovdi qafas komprensiv li hu flessibbli kif ukoll adattabbli skond kundizzjonijiet speċifiċi ta' xi pajjiż. Hu maħsub li jservi ta' mappa gwida għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, jgħinhom ifasslu, jirranġaw, jirriffokaw u jimplimentaw pjanijiet xierqa, programmi u strateġiji innovattivi.

Il-Kunsill ta' l-Ewropa se jaħdem biex jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni billi jipprovdi assistenza pożittiva lill-istati membri kollha f'forma ta' rakkomandazzjonijiet, pariri u informazzjoni esperta.

### *2.2. Bdil fil-paradigma minn pazjent għal ċittadin*

Fl-aħħar għaxar snin, l-Ewropa rat tibdil kbir politiku, ekonomiku, soċjali u teknoloġiku. L-opportunitajiet u l-isfidi tal-globalizzazzjoni, l-iżvilupp tat-

teknoloġija ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni, it-tibdil fix-xejriet ta' l-impjiegi u l-qgħad, is-saħħa u d-demografija, l-immigrazzjoni u t-transizzjoni għall-ekonomiji tas-suq, qed jibdlu r-reġjun. Ħafna minn dan it-tibdil kien pożittiv bil-konsegwenza li x-xewqat u l-aspettattivi tan-nies għolew.

Aħna mxejna milli naraw lil persuna b'diżabilita' bħala pazjent li għandha bżonn il-kura u li ma tikkontribwixxix fis-soċjeta', biex issa naraw lil din il-persuna bħala waħda li għandna bżonn inneħħulha l-ostakli li hemm illum biex hi tkun tista' tieħu l-post li ħaqqha bħala membru li tipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjeta'. Dawn l-ostakli jinkludu attitudnijiet u ostakli soċjali, legali u ambjentali. Għalhekk aħna għandna bżonn li niffaċilitaw aktar it-tibdil fil-paradigma mill-mudell antik mediku tad-diżabilita' għal mudell ibbażat fuq id-drittijiet soċjali u umani.

Aħna mexxejna l-fokus tagħna lejn l-individwu bħala ċ-ċentru ta' l-approwċ koerenti u integrat li jirrispetta d-drittijiet umani, il-libertajiet fundamentali u d-dinjita' ta' kull individwu b'diżabilita'. B'konsegwenza ta' hekk kien hemm bidla f'ħafna pajjiżi Ewropej biex huma jippromwovu *policies* attivi li jagħtu poter lill-persuni individwali b'diżabilita' biex huma jieħdu l-kontroll ta' ħajjithom. Fl-istess ħin, ir-rwol fis-soċjeta' ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi b'mod ġenerali, u b'mod partikolari dawk tal-persuni b'diżabilita', inbidel. Huma qed isiru sħab kemm tal-gvernijiet kif ukoll tal-persuni b'diżabilita', bħala dawk li jaqbżu għalihom, li jipprovdu s-servizzi jew bħala sors ta' għarfien u kompetenza esperta.

Il-Pjan ta' Azzjoni hu mfassal b'mod li jkun flessibbli u li jieħu konsiderazzjoni ta' tibdil teknoloġiku li jista' jseħħ fil-futur flimkien ma' żviluppi oħra.

Żviluppi riċenti fil-qasam tal-bijoteknoloġija u l-użu potenzjali tagħhom, ħolqu tħassib fost il-persuni b'diżabilita', sal-punt li anke d-dritt għall-ħajja qiegħed, xi kultant, jitpoġġa fid-dubju. Dan il-pjan jaħseb għall-inklużjoni soċjali sħiħa u l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilita' u għalhekk inħass li jkun xieraq li dawn l-oqsma relatati mal-mediċina, bħalma huma d-dijanjosi ta' qabel it-twelid u d-diskriminazzjoni minħabba d-diżabilita' fil-liġijiet dwar l-abort, ikunu inklużi.

Madankollu, m'hemmx dubju dwar l-importanza ta' dawn l-oqsma u hu kkunsidrat vitali li jkun assigurat li l-persuni b'diżabilita', permezz ta' l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, jipparteċipaw f'kumitati relevanti dwar l-etika u l-bijoetika, kemm dawk nazzjonali kif ukoll internazzjonali, li jittrattaw dawn il-materji.

### *2.3. Id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Malaga*

It-Tieni Konferenza Ewropea tal-Ministri responsabbli mill-*policies* ta' integrazzjoni tal-persuni b'diżabilita', li saret f'Malaga (Spanja) fis-7 u t-8 ta' Mejju 2003 xtaqet li tibni fuq l-Ewwel Konferenza tal-Ministri, li saret fl-1991 u li minnha ħarġet ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri Nru. R (92) 6 dwar *policy*

koerenti dwar il-persuni b'diżabilita'. Din ir-rakkomandazzjoni, adottata fid-9 ta' April 1992, influwenzat il-*policies* dwar id-diżabilita' ta' l-istati membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa għal aktar minn għaxar snin u ħeġġet biex isiru *policies* inklużivi li permezz tagħhom ibbenefikaw b'mod pożittiv il-persuni b'diżabilita' kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Madankollu, il-ministri jagħrfu li hemm bżonn ta' aktar xogħol biex ikun hemm progress fl-oqsma tad-diżabilita' f'ambjent mibdul.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Ministri ta' Malaga bl-isem "Progress lejn il-parteċipazzjoni sħiħa bħala ċittadini", adottata fil-konferenza, il-Ministri kkunsidraw li l-għan prinċipali għall-għaxar snin li kienu ġejjin, kien li jkomplu jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita' u l-familji tagħhom. Kien hemm bżonn ta' strateġija ġdida li tirrifletti l-mudell soċjali tad-diżabilita' u l-aspettattivi ogħla kemm tal-persuni b'diżabilita' kif ukoll tas-soċjeta'.

Il-Ministri kkunsidraw li din l-istrateġija għandha tiġi espressa fi Pjan ta' Azzjoni maħsub biex jelimina kull forma ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilita', hi x'inhi l-eta' tagħhom. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkollu fokus speċjali fuq in-nisa b'diżabilita', persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport u persuni b'diżabilita' li qed jixjieħu, u li jassigura li huma jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet umani, il-libertajiet fundamentali u ċ-ċittadinanza sħiħa.

### *2.4. Qafas tad-drittijiet umani*

Il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-istati membri tiegħu se jkompli l-ħidma fil-qafas tad-drittijiet umani u anti-diskriminatorji biex jissalvagwardja l-persuni b'diżabilita' minn kull forma ta' diskriminazzjoni jew abbuż, u biex l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilita' jkunu *mainstreamed* fl-oqsma kollha tal-*policies*.

Fit-tfassil tal-Pjan ta' Azzjoni, l-istati membri jixtiequ jirrikkonoxxu l-influwenza ta' trattati legali eżistenti, strumenti, standards u *policies* li jissapportjaw it-trattament ugwali u d-drittijiet umani tal-persuni b'diżabilita'. Fuq il-livell Ewropew, ir-Rakkomondazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri, Rakkomandazzjoni Nru. R(92) 6 poġġiet pedamenti sodi. Leġislazzjoni u programmi ta' l-Unjoni Ewropea komplew iwittu t-triq, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea se jagħti l-mod kif il-*policies* dwar id-diżabilita' issa se jiġu mfassla u implimentati mill-istituzzjonijiet Ewropej. L-Istrateġija Ġdida dwar il-Koeżjoni Soċjali tal-Kunsill ta' l-Ewropa (2004) tinkludi impenn partikolari biex isiru realta' d-drittijiet ta' dawk l-individwi u gruppi fis-soċjeta' li huma f'riskju partikolari li jsiru vulnerabbli u soċjalment esklużi.

Flimkien ma' strumenti eżistenti Ewropej, ġew innotati wkoll ir-Regoli Standard dwar Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilita' tan-Nazzjonijiet Uniti, it-trattati prinċipali dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-iżviluppi relatati ma' l-abbozz tal-konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilita' tan-Nazzjonijiet Uniti.

### *2.5. Għanijiet Strateġiċi*

L-Objettivi prinċipali ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni hu li l-persuni b'diżabilita' jkollhom parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjeta', bl-aħħar għan ikun li l-oqsma tad-diżabilita' jkunu *mainstreamed* fl-oqsma kollha tal-*policies*.

Il-pjan jipprovdi għal qafas komprensiv b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi li huma flessibbli biżżejjed li jiġu adattati għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi. Il-pjan ukoll jieħu konsiderazzjoni tad-diversita' ġeografika, ekonomika, kulturali u soċjali ta' l-istati membri u jagħraf li hemm proċessi transitorji f'diversi stati membri. Il-pjan hu maħsub li jservi ta' għodda prattika, mappa gwida għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jgħinhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji xierqa ffukati fuq prijoritajiet prinċipali.

Se jgħin lil dawk il-pajjiżi li għandhom bżonn jistabbilixxu l-ewwel Pjan ta' Azzjoni nazzjonali għall-integrazzjoni taċ-ċittadini b'diżabilita' tagħhom, u jgħin ukoll lill-pajjiżi li diġa' stabbilixxew dawn il-*policies* u pjanijiet biex ikomplu jiżviluppawhom aktar.

Jgħin lill-istati membri jippromwovu *policies* attivi li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni u jippromwovu d-dritt għall-opportunitajiet indaqs b'mezzi effettivi ta' kumpens jekk dawn id-drittijiet ikunu miksura.

Jinkoraġġixxi lill-istati membri biex jirrispondu għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita' billi jipprovdu servizzi ta' kwalita' u innovattivi u li jissodaw mezzi diġa' fis-seħħ.

Jipprovdi sors bżonnjuż ta' ispirazzjoni lill-intrapriża privata, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet oħra internazzjonali.

Fl-aħħar, imma mhux l-anqas importanti, il-Pjan ta' Azzjoni jippromwovi l-kunċett essenzjali li l-persuni b'diżabilita' u r-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu kkonsultati bħala l-persuni involuti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwa ħajjithom, mit-tfassil tal-*policy* nazzjonali għal suġġetti aktar individwali.

L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni jkun regolarment evalwat biex jiġi identifikat il-progress u jkunu magħrufin prattiċi tajbin. Dan jirrikjedi mekkaniżmi effettivi u flessibbli biex jimmoniterjaw il-progress u jevalwa dak li jkun qed jitwettaq fuq il-livell nazzjonali.

### *2.6. Struttura u kontenut*

Il-Pjan ta' Azzjoni għandu skop wiesa' u jħaddan l-oqsma prinċipali kollha tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita'; per eżempju d-djar, l-edukazzjoni, l-impjieg, il-

mobilita' u l-għarfien pubbliku. Dawn l-oqsma prinċipali huma riflessi fil-gruppi ta' azzjoni li huma l-qalba tal-Pjan ta' Azzjoni.

Il-Pjan jinkludi wkoll aspetti li jimxu mal-pjan kollu, bħalma huma dawk dwar in-nisa u t-tfal bniet b'diżabilita', tfal u żgħażagħ b'diżabilita', l-anzjanita' u l-persuni b'diżabilita', persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport, u persuni b'diżabilita' minn minoranzi jew immigranti.

Il-Pjan ta' Azzjoni jagħti konsiderazzjoni xierqa lill-istrumenti relevanti Ewropej u internazzjonali, trattati, pjanijiet u l-iżviluppi marbuta ma' l-abbozz tal-Konvenzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilita'.

Il-prinċipji fundamentali li fuqhom hu mibni dan il-Pjan ta' Azzjoni jinkludu n-non-diskriminazzjoni, l-opportunitajiet indaqs, l-indipendenza u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita'.

L-elementi prinċipali tal-Pjan ta' Azzjoni huma prinċipji fundamentali u li jkopru diversi oqsma, gruppi ta' azzjoni, aspetti li jimxu mal-pjan kollu, l-implimentazzjoni u mekkaniżmi li jsegwu dak li jsir wara, u proċess ta' implimentazzjoni gradat. Il-Pjan ta' Azzjoni hu mibni b'dan il-mod.

Il-Pjan ta' Azzjoni ma fihx definizzjoni ta' diżabilita'. Il-kumitat qabel li din hi materja għall-istati membri individwali u l-*policy* nazzjonali tagħhom.

L-istess, il-Pjan ta' Azzjoni ma fihx grupp ta' azzjoni speċifika dwar is-suġġett tal-prevenzjoni. Dan hu suġġett importanti ħafna għall-persuni b'diżabilita', persuni bla diżabilita' u l-gvernijiet, minħabba li d-diżabilita' taffettwa kemm l-individwi, il-familji tagħhom u s-soċjeta' ġenerali. B'konformita' mal-Klassifika Internazzjonali dwar il-Funzjonalita', id-Diżabilita' u s-Saħħa (ICF)[1] ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, dan il-Pjan ta' Azzjoni jittratta b'mod globali l-prevenzjoni ta' l-iżvilupp tal-limitazzjonijiet fl-attivita' u r-restrizzjonijiet fil-parteċipazzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni jirrikonoxxi, għalhekk, l-ICF u jinkoraġġixxi l-istati membri biex jużawha bħala qafas għall-bini ta' l-istandards.

Il-Kumitat ħass li, l-iżvilupp kontinwu fit-trattament mediku, l-avvanz fid-dijanjosi bikrija tad-diżabilita' u l-avvanzi fil-*policies* dwar is-saħħa pubblika, għandhom ikunu indirizzati mill-kumitati relevanti tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Il-Pjan ta' Azzjoni jirrikonoxxi l-prinċipju li s-soċjeta għandha d-dmir lejn iċ-ċittadini kollha biex tassigura li l-effetti tad-diżabilita' jkunu minimizzati billi tissapportja b'mod attiv stili ta' ħajja b'saħħithom, ambjenti aktar siguri u komunitajiet li joffru sapport. Dawn l-*issues* huma indirizzati f'diversi gruppi ta' azzjoni, imma b'mod partikolari f'dawk li jittrattaw il-kura tas-saħħa u r-rijabilitazzjoni.

[1] Ginevra, 2001.

### *2.7. Prinċipji fundamentali*

Il-prinċipji fundamentali li fuqu hu bbażat dan il-Pjan ta' Azzjoni huma:

- in-non-diskriminazzjoni;
- l-opportunitajiet indaqs;
- il-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjeta' mill-persuni kollha b'diżabilita';
- ir-rispett lejn id-differenza u l-aċċettazzjoni tad-diżabilita' bħala parti mid-diversita' umana;
- id-dinjita' u l-awtonomija individwali inkluż il-liberta' li wieħed jagħmel l-għażliet tiegħu jew tagħha huma stess;
- l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
- il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilita' fid-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw ħajjithom, kemm fuq il-livell individwali kif ukoll fil-livell tas-soċjeta'; permezz ta' l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

### *2.8. Proċedura*

Il-proċess ta' l-abbozz tal-Pjan ta' Azzjoni beda fis-26 sessjoni tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni u l-Integrazzjoni ta' Persuni b'Diżabilita' (Ftehim Parzjali) (CD-P-RR) f'Ottubru 2003. Biex jiffaċilita dan il-proċess u jitfassal il-Pjan ta' Azzjoni, ġie stabbilit grupp ta' ħidma, bil-mandat ta' CD-P-RR u assistit minn grupp ta' abbuzzar maħtur ad hoc.

Il-Pjan ta' Azzjoni jinkoraġġixxi r-rwol ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-persuni b'diżabilita' bħala sors ta' għarfien espert u jarahom bħala l-imsieħba kompetenti fl-iżvilupp tal-*policy*. Għalhekk il-European Disability Forum, li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilita', kellu rwol importanti u attiv fit-tfassil tal-Programm dwar id-Diżabilita' tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Biex jiġi assigurat għarfien akbar u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, l-entitajiet u l-kumitati kollha relevanti tal-Kunsill ta' l-Ewropa ġew ikkonsultati.

## 3. Gruppi ta' Azzjoni Prinċipali

Il-Pjan ta' Azzjoni jagħti qafas ta' azzjonijiet speċifiċi f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' *policies* li meta tgħaqqadhom, jistgħu jipprovdu qafas komprensiv biex tiżviluppa u tkabbar il-*policies* u l-istrateġiji nazzjonali għall-persuni b'diżabilita'. U wkoll biex il-*policies* ikunu *mainstreamed* bil-għan li tippromwovi l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta'.

Il-gruppi ta' azzjoni mibnija fuq id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Malaga dwar il-Persuni b'Diżabilita', "Progress lejn il-parteċipazzjoni sħiħa bħala ċittadini" (adottata fit-tieni Konferenza Ewropea tal-Ministri responsabbli mill-*policies* ta' integrazzjoni tal-persuni b'diżabilita', Malaga, Spanja, Mejju 2003), fuq ir-

Rakkomandazzjoni Nru R (92) 6 dwar *policy* koerenti għall-persuni b'diżabilita' u żviluppi ġenerali fl-Ewropa.

Kull grupp ta' azzjoni jagħti Objettivi prinċipali u azzjonijiet speċifiċi biex jiġu implimentati mill-istati membri. Dawn huma mqassma hekk:

- ☐ Nru. 1: Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika;
- ☐ Nru. 2: Parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali;
- ☐ Nru. 3: Informazzjoni u komunikazzjoni;
- ☐ Nru. 4: Edukazzjoni;
- ☐ Nru. 5: Impjieg, gwida vokazzjonali u taħriġ;
- ☐ Nru. 6: L-ambjent mibni;
- ☐ Nru. 7: Trasport;
- ☐ Nru. 8: Għajxien fil-komunita';
- ☐ Nru. 9: Kura tas-saħħa;
- ☐ Nru. 10: Rijabilitazzjoni;
- ☐ Nru. 11: Protezzjoni soċjali;
- ☐ Nru. 12: Protezzjoni legali;
- ☐ Nru. 13: Protezzjoni kontra l-vjolenza u l-abbuż;
- ☐ Nru. 14: Riċerka u żvilupp; u
- ☐ Nru. 15: Għarfien pubbliku.

### *3.1. Grupp ta' Azzjoni Nru. 1: Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika*

#### *3.1.1. Introduzzjoni*

Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha fil-ħajja politika u pubblika u l-proċess demokratiku huma essenzjali għall-iżvilupp ta' soċjetajiet demokratiċi. Is-soċjeta' għandha bżonn tirrifletti d-diversita' taċ-ċittadini tagħha u tibbenefika mill-esperjenza u l-għarfien tagħhom. Għalhekk hu importanti li l-persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom biex jivvutaw u biex jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet.

Irid isir sforz biex jinħoloq ambjent fejn persuni b'diżabilita' jkunu inkoraġġiti u kapaċi jipparteċipaw fil-politika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Dan jista' jinkiseb biss jekk jinħolqu kundizzjonijiet fejn kulħadd jista' jgawdi id-drittijiet politiċi tiegħu jew tagħha.

Hu nnotat li n-nisa u ż-żgħażagħ b'diżabilita' ġeneralment jammontaw għal proporzjon żgħir tal-persuni li għandhom funzjonijiet rappreżentattivi. Hu importanti li huma jkunu inkoraġġiti biex jipparteċipaw u jkunu inklużi f'dawn il-gruppi rappreżentattivi.

#### *3.1.2. Objettivi*

i. Biex b'mod attiv tippromwovi ambjent fejn persuni b'diżabilita' jistgħu jipparteċipaw fuq bażi ugwali fil-partiti politiċi u fis-soċjeta' ċivili;

ii. tiżdied il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilita' fil-ħajja politika u pubblika fil-livelli kollha: lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali biex hekk tkun rappreżentata n-natura diversa tas-soċjeta';

iii. taħdem biex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ b'diżabilita' kif ukoll dawk li għandhom bżonn ta' livell għoli ta' sapport, fl-arena politika fil-livelli kollha;

iv. tassigura li l-persuni b'diżabilita' u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom ikunu kkonsultati u jkollhom rwol fit-tfassil ta' *policies* dwar il-persuni b'diżabilita'.

*3.1.3. Azzjonijiet speċifiċi mill-istati membri*

i. Jassiguraw li l-proċeduri u l-faċilitajiet tal-votazzjoni jkunu xierqa u aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' biex huma jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u li jippermettu, meta meħtieġ, il-provediment ta' assistenza waqt il-votazzjoni;

ii. jipproteġu d-dritt tal-persuni b'diżabilita' li jivvutaw b'mod sigriet u, fejn meħtieġ, fuq talba tagħhom, jippermettu assistenza waqt il-votazzjoni permezz ta' persuna tal-għażla tagħhom;

iii. jassiguraw li l-ebda persuna b'diżabilita' ma tkun eskluża mid-dritt li tivvota jew li toħroġ għall-elezzjoni minħabba d-diżabilita' tiegħu jew tagħha;

iv. jassiguraw li informazzjoni dwar elezzjonijiet ikunu disponibbli u aċċessibbli f'formati alternattivi meħtieġa u f'format faċli biex tifhem;

v. jinkoraġġixxu lill-partiti politiċi u organizzazzjonijiet oħra ċivili li jipprovdu informazzjoni u jorganizzaw laqgħat pubbliċi b'mod aċċessibbli;

vi. jinkoraġġixxu biex il-persuni b'diżabilita' b'mod partikolari nisa u żgħażagħ, jiffurmaw u jidħlu f'organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilita' fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, bil-għan li jikkontribwixxu u jinfluwenzaw il-*policy* f'kull livell;

vii. jinkoraġġixxu konsultazzjoni mal-persuni b'diżabilita' u l-organizzazzjonijiet tagħhom fuq bażi ugwali bħall-oħrajn, fil-proċess demokratiku tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

viii. jimplimentaw il-provedimenti relevanti inklużi fir-Rakkomandazzjonijiet Rec (2001) 19 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar il-parteċipazzjoni ta' ċittadini fil-ħajja politika lokali, Rec (2003) 3 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar parteċipazzjoni bbilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi, Rec (2004) 11 dwar standards legali, operattivi u tekniċi dwar *e-voting*, u Rec (2004) 15 dwar il-governanza elettronika.

### *3.2. Grupp ta' Azzjoni Nru. 2: Parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali*

*3.2.1. Introduzzjoni*

Id-dritt tal-persuni b'diżabilita' bħala individwi li jkunu integrati b'mod sħiħ fis-soċjeta', jiddependi fuq il-fatt li huma jridu jkunu kapaċi jipparteċipaw fil-ħajja kulturali ta' dik is-soċjeta'. Jekk il-persuni b'diżabilita' se jibqgħu jew se jsiru indipendenti, huma jrid ikollhom ħajja l-aktar kompleta possibbli b'ħidma mal-membri l-oħra tas-soċjeta', kemm dawk li għandhom diżabilita' kif ukoll dawk li m'għandhomx diżabilita'. Huma għandhom id-dritt jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' kultura, divertiment, sports u turiżmu.

Il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-istati membri tiegħu huma kommessi li jieħdu konsiderazzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilita' fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-*policy* dwar il-kultura. Azzjoni koordinata hi meħtieġa biex tittrasforma l-opportunitajiet u l-kwalita' tal-ħajja ta' persuni b'diżabilita' permezz ta' l-aċċess u l-involviment tagħhom fil-ħajja soċjali u fl-arti.

M'hemmx triq faċli biex jintlaħaq dan il-għan. Jistgħu jittieħdu diversi miżuri imma jista' jkun li fl-aħħar mill-aħħar ikun hemm bżonn ta' leġislazzjoni speċifika. Din għandha tirrifletti l-kunċett ta' "tibdil raġjonevoli" speċjalment fil-kuntest ta' aċċess għal bini aktar antik jew monumenti storiċi u bini ta' negozji żgħar privati. Tirrikjedi wkoll li d-diversita' tas-soċjeta' tkun riflessa kompletament fil-mezzi tax-xandir.

*3.2.2. Objettivi*

i. Tieħu miżuri xierqa biex tassigura li persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jaċċessaw il-ħajja kulturali lokali, reġjonali u nazzjonali;

ii. tassigura li persuni b'diżabilita' jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet kulturali, rikreattivi, tad-divertiment, sportivi, spiritwali u soċjali kemm bħala osservaturi kif ukoll bħala atturi;

iii. taħdem biex tassigura li persuni b'diżabilita' jistgħu jiżviluppaw u jutilizzaw il-potenzjal kreattiv, atletiku, spiritwali u intellettwali tagħhom għall-benefiċċju tagħhom stess kif ukoll tal-komunitajiet tagħhom.

*3.2.3. Azzjonijiet speċifiċi mill-istati membri*

i. Jinkoraġġixxu istituzzjonijiet u entitajiet relevanti fil-livell lokali, reġjonali u internazzjonali biex jagħmlu l-letteratura tagħhom u materjal ieħor kulturali aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita', bl-użu sħiħ tat-teknoloġija elettronika fejn xieraq, u fi kliem sempliċi u li jinftiehem;

ii. iħeġġu l-istituzzjonijiet pubbliċi u jinkoraġġixxu istituzzjonijiet privati u entitajiet relevanti biex b'mod attiv jinvolvu persuni b'diżabilita' fl-attivitajiet kulturali, tad-divertiment, sportivi, spiritwali u intellettwali tagħhom;

iii. jinkoraġġixxu lix-xandir u l-industrija relatata mal-kreattivita' biex tassigura li persuni b'diżabilita' jkollhom aċċess għax-xandir, films, it-teatru u attivitajiet oħra relatati ma' l-arti, f'formati aċċessibbli li jistgħu jinkludu *captioning*, sottotitoli, deskrizzjoni awdjo u l-lingwa tas-sinjali;

iv. iħeġġu x-xandir nazzjonali u l-industrija relatata mal-kreattivita' biex jippubblikaw Pjanijiet ta' Azzjoni biex jiżdied l-impjieg ta' persuni b'diżabilita' "kemm quddiem kif ukoll wara l-kamera/l-mikrofonu";

v. jinkoraġġixxu istituzzjonijiet u entitajiet relevanti li għandhom x'jaqsmu mal-kultura, sports, divertiment u turiżmu biex jagħtu lill-istaff tagħhom, taħriġ regolari, bħala parti mill-attivita' *mainstreamed* tagħhom dwar l-għarfien tad-diżabilita';

vi. jagħtu opportunita' biex persuni b'diżabilita' jgawdu aċċess għall-attivitajiet kulturali, sportivi, turistiċi u tad-divertiment billi, per eżempju, jinkoraġġixxu lill-entitajiet li jipprovdu dan is-servizz jagħmlu l-bini u s-servizzi tagħhom aċċessibbli b'kull mod meħtieġ;

vii. jieħdu l-passi meħtieġa biex:

- jassiguraw li l-liġijiet li jipproteġu l-proprjeta' intellettwali ma jikkawżawx ostakli mhux raġjonevoli jew diskriminatorji għall-aċċess minn persuni b'diżabilita' għal materjal kulturali, waqt li jkun hemm rispett għall-provedimenti tal-liġi internazzjonali;

- jassiguraw li persuni b'diżabilita' jistgħu jakkwistaw l-istatus ta' artisti u jibbefenikaw mill-proprjeta' artistika tagħhom;

vii. jinkoraġġixxu persuni b'diżabilita' jipparteċipaw f'attivitajiet kemm li huma maħsuba għall-persuni b'diżabilita' kif ukoll jekk maħsuba għall-persuni bla diżabilita';

viii. jassiguraw li attivitajiet sportivi u kulturali huma parti integrali mill-programmi edukattivi għal tfal b'diżabilita', minħabba r-rwol li dawn l-attivitajiet għandhom fl-iżvilupp tal-ħiliet soċjali.

### *3.3 Grupp ta' Azzjoni Nru. 3: Informazzjoni u komunikazzjoni*

#### *3.3.1. Introduzzjoni*

L-aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni hu aspett prinċipali għall-parteċipazzjoni fis-soċjeta'. Jekk persuni b'diżabilita' jridu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, jipparteċipaw u jagħmlu l-għażliet dwar ħajjithom, hu essenzjali li huma jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni permezz ta' sistemi adekwati ta' komunikazzjoni. Madankollu, għal ħafna persuni b'diżabilita' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni jibqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom m'humiex aċċessibbli.

Żviluppi li għadhom għaddejin fl-informazzjoni u l-komunikazzjoni qed jibdlu l-mod kif iċ-ċittadini jirrelataw ma' xulxin, jagħmlu n-negozju, jaċċessaw is-servizzi ta' l-informazzjoni u jikkomunikaw b'mod ġenerali. L-avvanzi teknoloġiċi jinkludu l-internet, faċilitajiet ta' *e-communication*, vidjofons, eċċ. Hu importanti li ċ-ċittadini kollha jibbenefikaw minn dan l-avvanz teknoloġiku, u li l-ebda grupp, b'mod partikolari l-persuni b'diżabilita', ma jiġi eskluż.

Entitajiet pubbliċi għandhom dmir partikolari li jassiguraw li l-informazzjoni tagħhom tkun aċċessibbli f'varjeta' ta' formati biex twieġeb għall-bżonnijiet diversi tal-persuni b'diżabilita'. Dawn l-entitajiet għandhom ukoll ikunu mudelli ta' l-aħjar prattiċi għas-settur privat, u dawk kollha li qed jipprovdu servizzi lill-persuni b'diżabilita' għandhom ukoll ikunu mħeġġa jaddottaw dawn il-prattiċi.

Sistemi ta' komunikazzjoni għandhom ukoll ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita'. Diġa' jeżistu eżempji tajbin ta' tipi ta' sistemi li jistgħu jintużaw, bħalma huma sistemi ta' *relay* tat-telefon, sistemi komunikattivi bit-testi jew bil-vidjow.

Persuni b'diżabilita' għandhom ikunu kkonsultati dwar l-iżvilupp ta' standards u d-disinn ta' sistemi ġodda ta' komunikazzjoni u informazzjoni.

Jekk verament irridu soċjeta' inklużiva, il-persuni b'diżabilita' jridu jkunu jistgħu jużaw s-sistemi ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni flimkien man-nies l-oħra kollha.

#### *3.3.2. Objettivi*

i. Jittieħdu miżuri xierqa li jassiguraw li persuni b'diżabilita' jistgħu jfittxu, jirċievu u jibagħtu informazzjoni fuq l-istess bażi tal-membri l-oħra tas-soċjeta';

ii. jagħmlu l-aħjar użu tat-teknoloġiji ġodda bil-għan li tiżdied l-indipendenza u l-interazzjoni ta' persuni b'diżabilita' fl-oqsma kollha tal-ħajja.

*3.3.3. Azzjonijiet Speċifiċi ta' l-istati membri*

i. Ifittxu li jipprovdu informazzjoni uffiċjali lill-persuni b'diżabilita' f'formati u teknoloġiji aċċessibbli, jagħrfu l-bżonnijiet li huma riżultat ta' nuqqasijiet bijoloġiċi differenti (per eżempju Braille, audio-tape jew verżjonijiet faċli biex taqra);

ii. jagħtu taħriġ u azzjonijiet oħra li jinkoraġġixxu l-użu ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni minn persuni b'diżabilita';

iii. jassiguraw li materjal ta' *e-learning* ikun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita' billi jkunu konformi ma' standards eżistenti ta' aċċessibilita';

iv. jagħrfu li persuni b'diżabilita' jistgħu jużaw lingwi tas-sinjali, Braille u mezzi u modi alternattivi ta' komunikazzjoni (inkluż servizzi ta' *advocacy*), u li jaħdmu biex jakkomodawhom, sa fejn possibbli, f'sitwazzjonijiet uffiċjali. Meta mitlub, waqt laqgħat u konferenzi, għandu jkun hemm persuna li tagħti sommarju tal-kontenut bi kliem sempliċi;

v. jagħmlu s-sistemi ta' komunikazzjoni aktar aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' permezz ta' teknoloġiji ġodda, per eżempju komunikazzjoni bit-testi;

vi. jassiguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u entitajiet pubbliċi oħra jagħmlu l-informazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom aċċessibbli għal persuni b'diżabilita', inkluż li l-websajts tagħhom ikunu kompatibbli ma' linji gwida internazzjonali applikabbli f'dak iż-żmien;

vii. jinkoraġġixxu l-entitajiet privati, partikolarment dawk li jirċievu fondi pubbliċi, biex jagħmlu l-informazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom aċċessibbli għal persuni b'diżabilita';

viii. jinkoraġġixxu l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' teknoloġiji assistivi ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u li dawn ikunu bi prezz li jintlaħaq;

ix. jippromwovu l-użu tal-prinċipji tad-disinn universali fil-każ ta' l-iżviluppi kollha ġodda ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

x. jimplimentaw ir-Riżoluzzjoni Res AP (2001) 3 "Lejn ċittadinanza sħiħa permezz ta' teknoloġiji ġodda inklużivi" (Towards full citizenship of persons with disabilities through inclusive new technologies".

### *3.4. Grupp ta' Azzjoni Nru. 4: Edukazzjoni*

#### *3.4.1. Introduzzjoni*

L-edukazzjoni hi fattur bażiku li tassigura l-inklużjoni soċjali u l-indipendenza ta' kull persuna, inkluż dawk b'diżabilita'. Influwenzi soċjali, per eżempju mill-familji u l-ħbieb, jikkontribwixxu wkoll, imma għall-iskopijiet ta' dan il-grupp ta' azzjoni, l-edukazzjoni tkopri l-istadji kollha tal-ħajja, inkluż is-snin ta' qabel l-iskola, il-primarja, is-sekondarja, l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ professjonali, kif ukoll it-tagħlim ta' matul il-ħajja kollha. Il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-persuni b'diżabilita' biex jipparteċipaw fl-edukazzjoni *mainstreamed* mhux biss hu importanti għall-persuni b'diżabilita' imma jibbenefikaw ukoll il-persuni bla diżabilita' għax isiru jifhmu aktar id-diversita' umana. Ħafna sistemi edukattivi jipprovdu aċċess għall-edukazzjoni *mainstreamed* u għal strutturi edukattivi speċjalizzati, kif ikun xieraq, għal persuni b'diżabilita'. Strutturi *mainstreamed* u speċjalizzati għandhom ikunu inkoraġġiti li jaħdmu flimkien biex jissapportjaw lill-persuni b'diżabilita' fil-komunitajiet lokali tagħhom, imma dan għandu jsir b'mod li jkun konsistenti mal-għan ta' inklużjoni sħiħa.

#### *3.4.2. Objettivi*

i. Tassigura li l-persuni kollha, irrispettivament min-natura jew il-grad tan-nuqqas bijoloġiku tagħhom, ikollhom aċċess ugwali għall-edukazzjoni, u li jiżviluppaw il-personalita', it-talenti, il-kreattivita' u l-abbiltajiet tagħhom intellettwali u fiżiċi sal-potenzjal kollu tagħhom;

ii. tassigura li l-persuni b'diżabilita' jkollhom l-opportunita' għal post fl-edukazzjoni *mainstreamed* billi tinkoraġġixxi l-awtoritajiet relevanti jiżviluppaw provedimenti edukattivi li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-popolazzjoni tal-persuni b'diżabilita';

iii. tissapportja u tippromwovi t-tagħlim ta' matul il-ħajja kollha għall-persuni b'diżabilita' ta' kull eta' u li tiffaċilita transizzjoni effiċjenti u effettiva bejn il-fażijiet differenti ta' l-edukazzjoni tagħhom u bejn l-edukazzjoni u x-xogħol;

iv. tinkorraġġixxi f'kull livell tas-sistema edukattiva, inkluż fit-tfal kollha ta' eta' bikrija, attitudni ta' rispett lejn il-persuni b'diżabilita'.

#### *3.4.3. Azzjonijiet speċifiċi mill-istati membri*

i. Jippromwovu liġijiet, *policies* u ppjanar li ma jħallux li ssir diskriminazzjoni kontra tfal, żgħażagħ u adulti b'diżabilita' fl-aċċess għall-fażijiet kollha ta' l-edukazzjoni tagħhom mis-snin bikrija sal-provedimenti għall-persuni adulti. Meta jsir dan, konsultazzjoni ma' persuni b'diżabilita' li se jużaw dawn is-servizzi, ġenituri, dawk li jieħdu ħsiebhom, organizzazzjonijiet volontarji u entitajiet oħra professjonali relevanti, hi xierqa.

ii. jinkoraġġixxu u jissapportjaw l-iżvilupp ta' sistema edukattiva unifikata, inkluż provedimenti edukattivi *mainstreamed* u speċjalizzati, li jippromwovu l-użu minn kulħadd ta' għarfien miksub u inklużjoni akbar tat-tfal, żgħażagħ u adulti b'diżabilita' fil-komunita;

iii. jissapportjaw l-*assessment* bikri kif xieraq tal-bżonnijiet speċjali edukattivi ta' tfal, żgħażagħ u adulti b'diżabilita' biex hekk ikun jista' jsir l-ippjanar u l-provedimenti edukattivi għalihom;

iv. jimmoniterjaw l-implimentazzjoni ta' pjanijiet edukattivi individwali u jiffaċilitaw approwċ ikkoordinat għall-provediment edukattiv matul u lejn l-impjieg;

v. jassiguraw li persuni b'diżabilita', inkluż tfal, jirċievu s-sapport fis-sistema edukattiva *mainstreamed*, biex tiffaċilita l-edukazzjoni effettiva tagħhom. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta l-bżonnijiet speċjali edukattivi tagħhom, assessjati b'mod professjonali, ma jkunux jistgħu jintlaħqu fi ħdan is-sistema edukattiva *mainstreamed*, stati membri għandhom jassiguraw li miżuri effettivi alternattivi ta' sapport ikunu provduti b'konsistenza mal-għan ta' inklużjoni sħiħa. Il-provedimenti kollha speċjali u *mainstreamed* għandhom jinkoraġġixxu t-transizzjoni għall-edukazzjoni *mainstreamed* u jirriflettu l-istess għanijiet u standards.

vi. jinkoraġġixxu l-iżvilupp inizjali u kontinwu ta' taħriġ għall-professjonisti u l-istaff kollu li jaħdmu fil-fażijiet kollha ta' l-edukazzjoni, u li dan it-taħriġ ikun fih għarfien dwar id-diżabilita' u l-użu ta' tekniċi u materjal edukattiv xieraq biex jissapportja, kif ikun xieraq, studenti b'diżabilita';

vii. jinkoraġġixxu li kull materjal u skemi edukattivi pprovduti fis-sistema ġenerali edukattiva jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita';

viii. jinkludu, fis-sillabi ta' l-iskejjel dwar l-edukazzjoni ċivika, suġġetti relatati ma' persuni b'diżabilita bħala persuni li għandhom l-istess drittijiet bħal kull ċittadin ieħor;

ix. jassiguraw li l-għarfien dwar id-diżabilita' jkun parti prinċipali fi programmi edukattivi ta' l-iskejjel u istituzzjonijiet *mainstreamed*;

x. jittieħdu passi biex postijiet ta’ edukazzjoni u taħriġ ikunu aċċessibbli għall-persuni b’diżabilita’ inkluż il-provediment ta’ sapport personali u ta’ bdil raġonevoli (inkluż apparat) biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom;

xi. jassiguraw li l-ġenituri ta’ tfal b’diżabilita’ jkunu msieħba attivi fil-proċessi ta’ l-iżvilupp ta’ pjanijiet edukattivi individwali għat-tfal tagħhom;

xii. jassiguraw aċċess għall-edukazzjoni mhux formali li tippermetti lil żgħażagħ b’diżabilita’ jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa li ma jkunux jistgħu jinkisbu permezz ta’ l-edukazzjoni formali;

xiii. jikkonsidraw, kif xieraq, l-iffirmar u r-ratifikar tal-Karta Soċjali Ewropea (European Social Charter) (riveduta) (ETS Nru. 163), b’mod partikolari Artiklu 15.

## *3.5. Grupp ta’ Azzjoni Nru. 5: L-Impjieg, gwida vokazzjonali u taħriġ*

### *3.5.1. Introduzzjoni*

L-impjieg hu element prinċipali għall-inklużjoni soċjali u l-indipendenza ekonomika ta’ kull ċittadin fl-eta’ li fiha normalment jaħdem. Meta mqabbel ma’ persuni bla diżabilita’, l-impjieg u r-rata ta’ attivita’ ta’ persuni b’diżabilita’ huma baxxi ħafna. *Policies* li jżidu r-rata ta’ attivita’ tal-persuni b’diżabilita’ jridu jkunu ddiversifikati skond il-potenzjal tal-persuna b’diżabilita’ biex taħdem u komprensivi, biex jindirizzaw l-ostakli biex huma jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol. Titjib fis-sitwazzjoni ta’ l-impjieg ta’ persuni b’diżabilita’ mhux biss jibbenefikaw minnha l-persuni b’diżabilita’ imma jibbenefikaw ukoll min iħaddem u s-soċjeta’ b’mod ġenerali.

Gwida u assistenza vokazzjonali huma importnati biex jgħinu persuni jidentifikaw attivitajiet li huma l-aktar adatti għalihom u biex tiggwidahom għal taħriġ jew impjieg futur. Hu essenzjali li persuni b’diżabilita’ jkollhom aċċess għal *assessments*, gwida vokazzjonali u taħriġ biex jiġi assigurat li jintlaħaq il-potenzjal tagħhom.

Dan il-grupp ta’ azzjoni jfittex li jifforma bażi għall-parteċipazzjoni akbar tal-persuni b’diżabilita’ fl-impjieg, jassigura għażliet għall-karrieri u jibni l-bażi, permezz ta’ strutturi u sapport, li jassigura għażliet reali. Kull miżura tapplika għal min iħaddem kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f’dak privat.

Intrapriżi soċjali (per eżempju ditti soċjali, kooperattivi soċjali), bħala parti mill-impjieg miftuħ jew postijiet ta’ xogħol protett, jistgħu jikkontribwixxu għall-impjieg ta’ persuni b’diżabilita’.

*3.5.2. Objettivi*

i. Tippromwovi l-impjieg ta' persuni b'diżabilita' fid-dinja tax-xogħol miftuħ billi tgħaqqad miżuri anti-diskriminatorji u azzjoni pożittiva biex jassiguraw li persuni b'diżabilita' jkollhom opportunitajiet indaqs;

ii. tiġġieled id-diskriminazzjoni, tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilita' fl-*assessment* vokazzjonali, gwida, taħriġ u servizzi relatati ma' l-impjieg.

*3.5.3. Azzjonijiet speċifiċi mill-istati membri*

i. *Issues* relatati ma' l-impjieg ta' persuni b'diżabilita' jkunu *mainstreamed* fil-*policies* ġenerali ta' l-impjieg;

ii. jassiguraw li persuni b'diżabilita' jkollhom aċċess għall-*assessment* oġġettiv u individwali li:

   - jidentifika l-opportunitajiet tagħhom għall-impjieg potenzjali;
   - jibdel il-fokus minn assessjar tad-diżabilita' għall-assessjar ta' l-abbiltajiet u li dan isir fid-dawl ta' rekwiżiti speċifiċi għall-impjieg;
   - jipprovdi l-bażi għal program ta' taħriġ vokazzjonali;
   - jgħinhom isibu impjieg adattat jew li jerġgħu jiġu impjegati;

iii. jassiguraw li persuni b'diżabilita' jkollhom aċċess għal gwida vokazzjonali, taħriġ u servizzi relatati ma' l-impjieg ta' l-ogħla kwalita' possibbli, u li jsir it-tibdil raġjonevoli fejn meħtieġ;

iv. jassiguraw protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni f'kull stadju ta' l-impjieg, inkluż l-għażla u r-reklutaġġ, kif ukoll f'kull miżura relatata mal-progess fil-karriera;

v. jinkoraġġixxu lil min iħaddem biex jimpjegaw persuni b'diżabilita' billi:

   - jużaw proċeduri ta' reklutaġġ (per eżempju: riklami, intervisti, assessjar, għażla) li jassiguraw li l-opportunitajiet għall-impjieg ikunu miftuħa pożittivament għall-persuni b'diżabilita';
   - jagħmlu bdil raġjonevoli fil-postijiet tax-xogħol u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż *telecommuting*, xogħol part-time, xogħol mid-dar, biex jakkomodaw il-bżonnijiet speċjali ta' impjegati b'diżabilita';
   - iżidu l-għarfien dwar id-diżabilita' fil-*management* u l-istaff permezz ta' taħriġ relevanti;

vi. jassiguraw li skemi ġenerali għall-impjieg għal rasek ikunu aċċessibbli u li jagħtu sapport lill-persuni b'diżabilita';

vii. jassiguraw miżuri ta' sapport, bħalma huma impjieg protett jew issapportjat, għal dawk il-persuni li l-bżonnijiet tagħhom ma jistgħux jiġu sodisfatti mingħajr sapport personali fid-dinja tax-xogħol miftuħ;

viii. jissapportjaw persuni b'diżabilita' biex jimxu minn impjieg protett jew issapportjat għal impjieg miftuħ;

ix. ineħħu d-diżinċentivi biex taħdem fl-iskemi ta' benefiċċji tad-diżabilita' u jinkoraġġixxu l-persuni li qed jieħdu benefiċċju biex jibdew jaħdmu meta jistgħu;

x. jikkonsidraw il-bżonnijiet tan-nisa b'diżabilita' meta jitfasslu programmi u *policies* relatati ma' opportunitajiet indaqs dwar l-impjieg għan-nisa, inkluż dawk dwar il-ħarsien tat-tfal;

xi. jassiguraw li impjegati b'diżabilita' jgawdu mill-istess kundizzjonijiet bħal impjegati oħra fil-każ ta' konsultazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, sħubija u parteċipazzjoni attiva fil-unions;

xii. jipprovdu miżuri effettivi li jinkoraġġixxu l-impjieg ta' persuni b'diżabilita';

xiii. jassiguraw li l-liġijiet u r-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurta' jinkludu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita' u li dawn ma jiddiskriminawx kontrihom;

xiv. jinkoraġġixxu miżuri, inklużi liġijiet u *management* integrat, li jgħinu persuni li jsiru diżabbli waqt l-impjieg tagħhom, biex jibqgħu fid-dinja tax-xogħol;

xv. jassiguraw li, speċjalment iż-żgħażagħ b'diżabilita', jistgħu jibbenefikaw minn *internships* u *traineeships* biex huma jkunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet, u minn informazzjoni dwar prattiċi ta' impjieg;

xvi. jikkunsidraw, li fejn xieraq, jiffirmaw u jirratifikaw il-Karta Soċjali Ewropea (European Social Charter) (riveduta) (ETS Nru. 163), partikolarment artiklu 15;

xvii. jimplimentaw ir-Riżoluzzjoni Res AP (95) 3 dwar karta dwar l-*assessment* vokazzjonali ta' persuni b'diżabilita' (Charter on the vocational assessment of people with disabilities).

### *3.6. Grupp ta' Azzjoni Nru. 6: L-ambjent mibni*

#### *3.6.1. Introduzzjoni*

L-għan li jorbot kollox hu li noħolqu soċjeta' għal kulħadd. Ambjent aċċessibbli għandu rwol importanti biex noħolqu soċjeta' aktar inklużiva fejn il-persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja ta' kuljum. Ostakli eżistenti fl-ambjent mibni jtellef jew ma jħallix lill-persuni b'diżabilita' minn din il-parteċipazzjoni u mit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali. Meta nagħmlu l-ambjent aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita', hi x'inhi d-diżabilita', jibbenefikaw ukoll il-membri kollha tal-soċjeta'. Dan jinħtieġ għarfien ta' l-ostakli eżistenti, inkluż l-attitudnijiet u ostakli fiżiċi, u impenn biex jitneħħew permezz ta' azzjoni pożittiva u miżuri oħrajn. Ir-Riżoluzzjoni Res AP(2001)1 dwar id-Disinn Universali tippromwovi l-introduzzjoni tal-prinċipji dwar id-disinn universali fil-kurrikulum ta' l-impjegati kollha li jaħdmu fuq l-ambjent mibni, inkluż il-periti, enġiniera, *town planner* u professjonisti u ħaddiema oħra li jaħdmu fil-qasam ta' l-ambjent mibni. Għandha l-għan ukoll li tissimplifika l-ħajja għal kulħadd billi nagħmlu l-ambjent mibni wieħed aktar aċċessibbli, li jista' jintuża aħjar u li jinftiehem aktar.

*3.6.2. Objettivi*

Biex b'mod gradat l-ambjent isir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita' permezz ta' l-applikazzjoni tal-prinċipji tad-disinn universali, u hekk nevitaw li jinħolqu ostakli ġodda.

*3.6.3. Azzjonijiet speċifiċi minn stati membri*

i. jassiguraw li l-oqsma ta' *policy* relevanti jinkludu l-għan li jorbot kollox għal ħolqien ta' ambjent mibni mingħajr ostakli;

ii. jiżviluppaw linji gwida u standards, u fejn meħtieġ liġijiet, li jħeġġu bini pubbliku, u ambjent fuq ġewwa kif ukoll miftuħa, ikunu aċċessibbli u li jistgħu jintużaw minn persuni b'diżabilita' waqt li tittieħed konsiderazzjoni tan-natura speċifika tal-bini storiku;

iii. jassiguraw li l-universitajiet u istituzzjonijiet responsabbli mit-taħriġ tal-ħaddiema kollha li jaħdmu fl-ambent mibni (bħal ma huma periti, *town plannes*, professjonisti fil-settur tal-kostruzzjoni, konservaturi tal-wirt kulturali u speċjalisti fit-turiżmu kulturali) jippromwovu l-prinċipju ta' disinn universali permezz ta' kurrikulu għal taħriġ inizjali u għal aktar taħriġ u miżuri oħra xierqa;

iv. jippromwovu l-użu ta' apparat assistiv u innovazzjonijiet teknoloġiċi biex titjieb l-aċċessibilita' fl-ambjent mibni u jagħtu lill-persuni b'diżabilita' opportunitajiet indaqs fil-ħajja tal-komunita'. Prattiċi bħal dawn għandhom ikunu applikati għall-kostruzzjonijiet ġodda u b'mod gradat jiġu estiżi għall-bini eżistenti;

v. jissapportjaw il-ħolqien, in-nominazzjoni u l-manteniment ta' ċentri li jippromwovu l-kunċett tad-Disinn Universali;

vi. jassiguraw li tingħata attenzjoni xierqa lis-sigurta' tal-persuni b'diżabilita' meta jitfasslu proċeduri ta' emerġenza u evakwazzjoni;

vii. jassiguraw li annimali li jassistu persuni b'diżabilita' ma jkollhomx ostakli biex jaċċessaw bini u postijiet pubbliċi;

viii. jimplimentaw Riżoluzzjoni Res AP(2001) 1 dwar l-introduzzjoni tal-prinċipji tad-Disinn Universali fil-kurrikulum ta' impjegati li jaħdmu fil-qasam ta' ambjent mibni (Introduction of the principles of Universal Design into the curricula of all occupations working on the built environment).

### *3.7. Grupp ta' azzjoni Nru. 7: Trasport*

*3.7.1. Introduzzjoni*

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' *policies* fil-livelli kollha dwar trasport aċċessibbli jista' jirriżulta f'titjib sostanzjali fil-kwalita' tal-ħajja ta' ħafna persuni b'diżabilita' u jista' jkun prerekwiżit biex tintlaħaq l-ugwaljanza fl-opportunitajiet u fil-parteċipazzjoni attiva fil-komunita' soċjali u l-ħajja kulturali kif ukoll fl-impjieg.

Ħafna stati membri jistgħu diġa' jafu jew huma parti mill-iżviluppi permezz tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT), u l-prinċipji u l-azzjonijiet li ġew imħeġġa minn dan il-forum jistgħu jiggwidaw biex ikun hemm progress fl-istati membri biex jimplimentaw dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita'. Miżuri biex is-servizzi tat-trasport isiru aċċessibbli, jibbenefikaw minnhom persuni oħra li jużawhom inkluż l-anzjani u ġenituri ta' tfal żgħar.

Biex nassiguraw li persuni b'diżabilita' jistgħu jibbenefikaw mit-trasport pubbliku, hu essenzjali li l-oqsma kollha tat-trasport ikunu aċċessibbli.

*3.7.2. Objettivi*

i. Tiżdied il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta' permezz ta' l-implimentazzjoni ta' *policies* dwar trasport aċċessibbli;

ii. tassigura li *policies* dwar trasport aċċessibbli jkunu implimentati u li dawn jieħdu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet tal-persuni kollha li għandhom nuqqasijiet bijoloġiċi u diżabilitajiet differenti;

iii. tippromwovi l-aċċessibbilita' ta' servizzi eżistenti ta' trasport tal-passiġġieri lill-persuni b'diżabilita', u tassigura li servizzi ta' trasport u infrastruttura relatata ġodda jkunu aċċessibbli;

iv. tippromwovi l-implimentazzjoni tal-prinċipju tad-Disinn Universali fis-settur tat-trasport.

*3.7.3. Azzjonijiet Speċifiċi minn stati membri*

i. Jieħdu konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, rapporti u linji gwida żviluppati u maqbula minn entitajiet internazzjonali, partikolarment biex jiġu żviluppati standards, linji gwida, strateġiji u, fejn xieraq, liġijiet, biex jassiguraw l-aċċessibilita' tas-servizzi tat-trasport u l-infrastruttura inkluż l-ambjent mibni;

ii. jimmoniterjaw u jirrivedu l-implimentazzjoni ta' *policies* dwar trasport aċċessibbli;

iii. jassiguraw li l-operaturi tat-trasport pubbliku jinkludu taħriġ obbligatorju dwar għarfien dwar id-diżabilita' bħala parti mit-taħriġ standard għall-persuni li jaħdmu fis-servizzi tat-trasport;

iv. iħeġġu l-introduzzjoni u l-addottazzjoni ta' linji gwida nazzjonali dwar servizzi ta' trasport aċċessibbli għall-użu kemm ta' l-operaturi pubbliċi tat-trasport kif ukoll dawk privati;

v. jistabbilixxu proċeduri għall-kooperazzjoni u konsultazzjoni ma' dawk kollha involuti inkluż b'mod partikolari aġenziji relevanti tal-gvern, entitajiet li jipprovdu dan is-servizz u gruppi li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilita', biex jinfluwenza l-iżvilupp ta' *policy* u l-ippjanar relatat mal-provedimenti ta' trasport aċċessibbli;

vi. jippromwovu u jinkoraġġixxu operaturi privati ta' servizzi ta' trasport biex jipprovdu servizzi aċċessibbli;

vii. jassiguraw li l-informazzjoni dwar servizzi tat-trasport pubbliku jsiru aċċessibbli, sa fejn possibli, f'formati diversi u permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni differenti, biex jaqdu lill-persuni b'diżabilita';

viii. jinkoraġġixxu d-disinn ta' programmi innovattivi li jissapportjaw persuni b'diżabilita' li jesperjenzaw diffikulta' fl-użu tat-trasport pubbliku biex jużaw trasport privat tagħhom stess;

ix. jassiguraw li annimali assistivi (per eżempju klieb gwida) li jakkumpanjaw persuni b'diżabilita' jkunu akkomodati fit-trasport pubbliku;

x. jassiguraw il-provediment u l-protezzjoni ta' faċilitajiet ta' pparkjar għall-persuni b'diżabilita' li għandhom mobilita' mnaqqsa;

xi. jagħrfu l-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabilita' meta jitfasslu testi ġenerali dwar id-drittijiet tal-passiġġieri;

xii. jipproteġu, permezz ta' liġijiet, lill-persuni b'diżabilita' minn diskriminazzjoni biex jaċċessaw it-trasport;

xiii. jassiguraw li l-proċeduri ta' sigurta' u emerġenza ma joħolqux aktar diżugwaljanzi għall-persuni b'diżabilita'.

### *3.8. Grupp ta' Azzjoni Nru. 8: Għajxien fil-komunita'*

#### *3.8.1. Introduzzjoni*

Dan il-grupp ta' azzjoni jiffoka biex persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jgħixu kemm jista' jkun indipendenti, jingħataw il-poter biex ikunu jistgħu jagħmlu l-għażliet ta' kif u fejn iridu jgħixu. Dan jirrikjedi *policies* strateġiċi li jissapportjaw il-mixja minn kura istituzzjonalizzata għall-arranġamenti bbażati fil-komunita' li jibdew minn arranġamenti ta' għajxien indipendenti għal djar għall-gruppi żgħar. Dawn il-*policies* għandhom ikunu flessibbli, li jkopru programmi li jgħinu persuni b'diżabilita' jgħixu mal-familji tagħhom, u li jagħrfu l-bżonnijiet speċifiċi ta' individwi b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport.

B'mod ġenerali, il-ħajja ta' kuljum ta' familja hi differenti b'mod konsiderevoli skond jekk hemmx jew m'hemmx tifel jew tifla b'diżabilita': il-pariri u l-ħarsien, per eżempju, jieħdu ħafna ħin, appuntamenti mat-terapisti, tobba, eċċ, huma neċessarji, it-tifel jew tifla għandu jew għandha bżonn superviżjoni waqt attivitajiet rikreattivi u assistenza fl-aspetti prattiċi tal-ħajja ta' kuljum, eċċ. Hu importanti li l-ġenituri ta' tfal b'diżabilita' jkunu jistgħu jaċċessaw taħriġ adattat li jgħinhom jakkwistaw il-ħiliet bżonnjużi biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja l-aktar viċin in-normal mat-tifel jew tifla b'diżabilita' tagħhom.

Għajxien indipendenti komplet jista' ma jkunx possibbli jew ikun għażla għal kull individwu. F'każijiet eċċezzjonali, ħarsien fi strutturi żgħar u ta' kwalita' għandhom ikunu inkoraġġiti bħala alternattiva għal għajxien f'istituzzjoni. It-tfassil ta' arranġamenti ta' għajxien indipendenti għandu jinvolvi l-persuni b'diżabilita' u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

Persuni b'diżabilita' li jgħixu fil-komunita' għandhom bżonnijiet differenti li jirrikjedu livelli differenti ta' ħarsien, assistenza u sapport. Kriterji trasparenti ta' eliġibilita' u proċeduri ta' *assessment* indipendenti individwali, li jieħu konsiderazzjoni tal-għażliet tal-persuna b'diżabilita' nnifisha, l-awtonomija u l-*welfare*, jippromwovu aċċess ekwu għas-servizzi.

*Policies* dwar għajxien indipendenti ma jinvolvux biss l-arranġamenti ta' għajxien, imma jiddependu wkoll fuq firxa wiesgħa ta' servizzi, inkluż it-trasport. Is-suċċess ta' dawn il-*policies* jirrikjedi approwċ *mainstreamed* għall-ippjanar, l-iżvilupp u t-

tqassim ta' servizzi *mainstreamed* biex ikun assigurat li dawn jirrispondu għall-bżonnijiet individwali ta' l-individwi b'diżabilita' bis-sapport ta' diversi aġenziji b'approwċ ikkoordinat.

*3.8.2. Objettivi*

i. Tagħti l-poter lill-persuni b'diżabilita' jippjanaw ħajjithom u jgħixu b'mod indipendenti l-aktar possibbli fil-komunita' tagħhom;

ii. tipprovdi firxa wiesgħa u ta' kwalita' ta' servizzi ta' sapport fil-komunita' li tippermetti l-liberta' għall-għażla;

iii. tagħti attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni ta' familji li għandhom tifel, tifla jew tfal b'diżabilita' u tinkoraġġixxi approwċ li jakkomoda t-taħriġ lill-ġenituri konċernati, kif ukoll lill-ġenituri b'diżabilita' u l-parteċipazzjoni f'ħidma relatata mal-ħarsien tat-tfal u l-edukazzjoni.

*3.8.3. Azzjonijiet speċifiċi minn stati membri*

i. jassiguraw approwċ koordinat fil-provista ta' servizzi ta' kwalita' ta' sapport ibbażati fil-komunita', li jgħinu lill-persuni b'diżabilita' jgħixu fil-komunitajiet tagħhom u li ttejjeb il-kwalita' ta' ħajjithom;

ii. jiżviluppaw u jippromwovu *policies* dwar id-djar li jgħinu persuni b'diżabilita' jgħixu fi djar adattati fil-komunita' lokali tagħhom;

iii. jissapportjaw għajnuna formali u informali, biex hekk ikun possibbli li persuni b'diżabilita' jkomplu jgħixu fi djarhom;

iv. jagħrfu l-istatus tal-*carers*, billi jipprovdulhom sapport u taħriġ relevanti;

v. ikun hemm assessjar profond tal-bżonnijiet tal-familji ta' dawk li jipprovdu ħarsien informali, speċjalment dawk li għandhom tfal b'diżabilita' jew li jieħdu ħsieb persuni li għandhom bżonn ta' livell għoli ta' sapport, bil-għan li jkunu pprovduti bl-informazzjoni, it-taħriġ u l-assistenza, inkluż sapport psikoloġiku, biex tkun mgħejjuna l-ħajja fi ħdan il-familja, waqt li tingħata attenzjoni partikolari biex ikun hemm rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja privata u professjonali u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

vi. jassiguraw li l-provediment ta' servizzi ta' kwalita' bbażati fil-komunita' hu mudell ta' akkomodazzjoni alternattiva, li jgħinu l-mixja minn ħarsien ibbażat f'istituzzjoni għal għajxien fil-komunita';

vii. jassiguraw li l-individwi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati bl-assistenza, fejn meħtieġa, ta' servizzi tajba ta' *advocacy*;

viii. jippromwovu skemi li jippermettu persuni b'diżabilita' jimpjegaw assistenti personali tal-għażla tagħhom;

ix. jipprovdu servizzi kumplimentarji u faċilitajiet oħra, per eżempju ċentri ta' matul il-jum, ċentri għal ftit żmien u gruppi fejn jesprimu lilhom infushom, joffru forom adatti ta' terapija, biex jagħtu lill-persuni b'diżabilita' u l-familji tagħhom perjodi ta' sapport u serħan;

x. jipprovdu lill-persuni b'diżabilita', b'mod partikolari dawk li għandhom bżonn ta' livell għoli ta' sapport, bi provedimenti ta' sapport imfassal għall-individwu, inkluż *advocacy*, bil-għan li jitnaqqas kull riskju ta' esklużjoni soċjali;

xi. jimplimentaw il-provedimenti relevanti inklużi fir-Rakkomandazzjoni Nru. R (96) 5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja (On reconciling work and family life).

### *3.9. Grupp ta' Azzjoni Nru. 9: Kura tas-Saħħa*

*3.9.1. Introduzzjoni*

Persuni b'diżabilita' għandhom l-istess dritt bħal membri l-oħra tas-soċjeta' għal servizzi tas-saħħa ta' kwalita' tajba u trattament u teknoloġija relevanti li tassigura s-saħħa bl-aħjar mod possibbli. F'xi ċirkustanzi, persuni b'diżabilita' jkollhom bżonn kura tas-saħħa speċjali u innovattiva biex titjieb il-kwalita' ta' ħajjithom. Persuni b'diżabilita' u r-rappreżentanti tagħhom (fejn meħtieġ) għandhom ikunu kkonsultati u involuti kompletament fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-pjan għall-kura personali tagħhom. Dan l-approwċ ipoġġi l-persuni b'diżabilita' fiċ-ċentru tal-proċess ta' l-ippjanar u tat-tfassil tal-provediment ta' servizzi u jagħti s-saħħa lill-individwi biex jagħmlu deċiżjonijiet infurmati dwar saħħithom.

Meta s-servizzi ta' kura tas-saħħa jkunu qed jiġu ppjanati u pprovduti, irid jittieħed konsiderazzjoni ta' żviluppi li jirrigwardaw il-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-konsegwenzi relatati dwar is-saħħa, partikolarment għall-persuni b'diżabilita'. Għalhekk hu neċessarju li jingħata prijorita' lill-iżvilupp ta' *policies* u strateġiji ġodda fil-qasam tas-saħħa.

Professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-kura tas-saħħa fl-istati membri kollha għandhom jagħrfu l-mudell soċjali mibni fuq id-drittijiet umani dwar id-diżabilita' u mhux jiffukaw biss fuq l-aspett mediku tad-diżabilita'.

*3.9.2. Objettivi*

i. Tassigura li l-persuni b'diżabilita' kollha, hi x'inhi is-sess, l-eta', l-oriġini, in-natura jew il-grad ta' nuqqas bijoloġiku:
- ikollhom aċċess ugwali għas-servizzi dwar il-kura tas-saħħa;
- jibbenefikaw minn aċċess għal servizzi speċjali eżistenti, fejn xieraq;
- ikunu involuti, kemm jista' jkun kompletament possibbli, fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal pjan tal-kura personali tagħhom;

ii. tassigura li l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita' jkunu inklużi fl-informazzjoni fuq l-edukazzjoni dwar is-saħħa u kampanji dwar is-saħħa pubblika.

*3.9.3. Azzjonijiet speċifiċi mill-istati membri*

i. Jassiguraw li l-ebda persuna b'diżabilita' ma tkun diskriminata fl-aċċess għas-servizzi ta' kura tas-saħħa u għar-rekords mediċi;

ii. jassiguraw li kull persuna b'diżabilita', u fejn mhux possibbli minħabba l-oriġini, in-natura jew il-grad tas-serverita' tan-nuqqas bijoloġiku tagħhom, ir-rappreżentanti tagħhom, min jieħu ħsiebhom jew min jaqbeż ghalihom, ikunu kkonsultati b'mod sħiħ sal-massimu possibbli, fl-assessjar, fit-tfassil u fl-għoti ta' pjan għal kura tas-saħħa tagħhom, interventi jew trattament mediku;

iii. jaħdmu lejn faċilitajiet u apparat tas-saħħa aċċessibbli kemm dak tas-settur pubbliku kif ukoll dak privat, u jassiguraw li s-servizz tal-kura tas-saħħa inkluż servizzi dwar is-saħħa mentali, servizzi ta' sapport psikoloġiku, servizzi ta' *in patient* u *out patient*, ikollhom l-apparat u l-kompetenza biex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita';

iv. jassiguraw li nisa b'diżabilita' jkollhom aċċess ugwali għas-servizzi ta' kura tas-saħħa, inkluż b'mod partikolari, ta' waqt it-tqala, tal-ġinekoloġija u pariri u trattament dwar l-ippjanar tal-familja;

v. jassiguraw li aspetti relatati speċifikament mal-ġeneru jkunu rispettati fil-qasam tal-kura tas-saħħa għall-persuni b'diżabilita';

vi. jassiguraw li jittieħdu passi raġjonevoli biex jipprovdu kull informazzjoni relevanti dwar il-bżonnijiet dwar il-kura tas-saħħa ta' l-individwu jew servizzi, f'format li jinftiehem minn persuni b'diżabilita';

vii. jassiguraw li meta persuna tkun mgħarrfa li għandha diżabilita', kemm jekk din isseħħ qabel jew wara t-twelid jew wara xi marda jew inċident, dan isir f'kundizzjonijiet li jiggarantixxu rispett lejn il-persuna konċernata u lejn il-familja u jassiguraw li tingħata informazzjoni ċara u li tinftiehem u sapport għall-individwu u l-familja tiegħu jew tagħha;

viii. jipprovdu aċċess għal edukazzjoni dwar is-saħħa u għall-kampanji dwar is-saħħa pubblika permezz, fost l-oħrajn, ta' informazzjoni u pariri lill-persuni b'diżabilita';

ix. iħarrġu professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-kura tas-saħħa b'mod li dawn ikollhom għarfien dwar id-diżabilita' flimkien ma' kapaċita' u metodi kif jissodisfaw il-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabilita';

x. jagħrfu l-bżonn ta' intervent bikri u li jitwaqqfu miżuri effettivi biex jindunaw, jagħmlu dijanjosi u jittrattaw in-nuqqasijiet bijoloġiċi fl-istadju bikri tagħhom u li wkoll jiżviluppaw linji gwida effettivi biex ikun hemm dijanjosi u interventi bikrija;

xi. jikkunsidraw, fejn xieraq, li jiffirmaw u jirratifikaw il-Karta Soċjali Ewropea (riveduta), b'mod partikulari Artiklu 11.

### *3.10. Grupp ta' Azzjoni Nru. 10: Rijabilitazzjoni*

#### *3.10.1. Introduzzjoni*

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri Nru R (92) 6 dwar *policy* koerenti dwar il-persuni b'diżabilita' tagħraf li r-rijabilitazzjoni ta' persuni b'diżabilita', bis-saħħa ta' l-integrazzjoni ekonomika u soċjali li hi takkwista, hi dmir tal-komunita', tiggarantixxi d-dinjita' umana u tnaqqas id-diffikultajiet li joħorġu mis-soċjeta' u li l-persuni b'diżabilita' jkollhom jiffaċċjaw, u li hi għandha tkun inkluża fost objettivi ta' prijorita' ta' kull soċjeta'. B'riferenza għal din ir-rakkomandazzjoni, *policy* koerenti dwar ir-rijabilitazzjoni tal-persuni b'diżabilita' għandha timmira biex ma tħallix li jkun hemm deterjorazzjoni tad-diżabilita', tnaqqas il-konsegwenzi tagħha, iżżid l-awtonomija tal-persuni b'diżabiita' bħala individwi, u tassigura l-indipendenza ekonomika tagħhom u l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjeta'. Programmi komprensivi ta' rijabilitazzjoni għandhom jinkludu varjeta' ta' miżuri kumplimentari, provedimenti, servizzi u faċilitajiet li jistgħu konsiderevolment jikkontribwixxu għall-indipendenza fiżika u psikoloġika tal-persuni b'diżabiita'.

#### *3.10.2. Objettivi*

i. Tagħti l-poter lill-persuni b'diżabilita' jakkwistaw l-indipendenza massima tagħhom u jakkwistaw l-abbiltajiet massimi tagħhom fiżiċi, mentali, soċjali u vokazzjonali;

ii. torganizza, issaħħaħ u testendi s-servizzi komprensivi ta' rijabilitazzjoni;

iii. tara li jkun hemm aċċess għal servizzi *mainstreamed* u provedimenti speċjalizzati biex il-persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jakkwistaw l-integrazzjoni soċjali sħiħa fil-komunitajiet u s-soċjetajiet tagħhom;

iv. tassigura, b'mod partikolari, interventi minn kmieni u ta' kwalita', approwċ multi-dixxiplinarju, mit-twelid, li jinkludi sapport u gwida lill-ġenituri.

*3.10.3. Azzjonijiet speċifiċi mill-istati membri*

i. Jifformulaw, jimplimentaw u jirrivedu regolarment *policies* nazzjonali dwar ir-rijabilitazzjoni u jassiguraw it-titjib kontinwu tagħhom;

ii. jassiguraw li persuni b'diżabilita', il-familji tagħhom u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi jikkontribwixxu għat-tfassil ta' programmi ħolistiċi ta' rijabilitazzjoni, l-għoti tagħhom u l-evalwazzjoni tagħhom;

iii. jassiguraw li l-programmi ta' rijabilitazzjoni jkunu aċċessibbli u mfassla skond il-bżonnijiet individwali tal-persuna b'diżabilita'; irid ikollhom il-kunsens tal-persuna b'diżabilita' jew tar-rappreżentant tiegħu jew tagħha;

iv. fejn possibbli, jutilizzaw provedimenti u faċilitajiet *mainstreamed* imma jassiguraw ukoll li ċentri speċjalizzati ta' rijabilitazzjoni jkunu mgħammra b'mod sħiħ l-aktar possibbli skond is-servizzi li huma jipprovdu u għandhom jipprovdu u jkollhom tim multidixxiplinarju ta' staff li jispeċjalizza fir-rijabilitazzjoni;

v. itejbu s-servizzi ta' rijabilitazzjoni u sapport permezz ta' *assessment* individwali multidixxiplinarju u li jużaw approwċ ħolistiku;

vi. jippromwovu kollaborazzjoni bejn is-setturi diversi involuti fis-setturi kollha relevanti, speċjalment is-saħħa, l-edukazzjoni, is-servizzi soċjali u l-impjieg u li jipprovdu *management* rijabilitattiv integrat, fejn possibbli, biex jassiguraw li l-persuni b'diżabilita' jkollhom opportunitajiet indaqs;

vii. jassiguraw, fl-edukazzjoni, li t-tfal b'diżabilita' jkollhom aċċess għall-programmi pedagoġiċi rijabilitattivi u riżorsi oħra li jgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom;

viii. jinvolvu kemm lil min iħaddem kif ukoll lill-impjegati u l-organizzazzjonijiet tagħhom fir-rijabilitazzjoni vokazzjonali biex jissapportjaw persuni li jsiru diżabbli biex jirritornaw għax-xogħol fl-ewwel opportunita' possibbli;

ix. jaħdmu biex jiġu pprovduti programmi ta' rijabilitazzjoni għall-individwi b'diżabilita' li jeħtiġuhom u li dawn ikunu individwalizzati u bbażati fil-komunita';

x. jippromwovu l-provista ta' apparat assistiv bi prezz li jintlaħaq bħala parti mill-miżuri/programmi rijabilitattivi għal persuni b'diżabilita' li jeħtiġuhom.

### *3.11. Grupp ta' Azzjoni Nru. 11: Protezzjoni Soċjali*

#### *3.11.1 Introduzzjoni*

Protezzjoni soċjali tinkludi sigurta' soċjali, assistenza jew sapport soċjali, u servizzi soċjali, u hi essenzjali għal dawk li jiddependu fuqha, għax tikkontribwixxi għal kwalita' tal-ħajja ta' dawk li jirċevuha. Madankollu, hemm diversi sitwazzjonijiet fejn persuni b'diżabilita' ma jibbenefikawx b'mod adekwat mis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, kemm minħabba li dawn il-provedimenti ma jeżistux jew inkella minħabba diffikultajiet biex taċċessahom. Fost id-drittijiet soċjali inklużi fil-Karta Soċjali Ewropea riveduta (ETS Nru 163), hemm b'mod partikolari d-dritt għal sigurta' soċjali (Artiklu 12), id-dritt għal assistenza soċjali u medika (artiklu 13) u d-dritt għal servizz ta' wens (Artiklu 14). L-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' esklużjoni soċjali u emarġinazzjoni u hekk tikkontribwixxi biex ikun hawn aċċess għal dritt ieħor li hemm f'din il-Karta, jiġifieri d-dritt tal-persuni b'diżabilita' għal indipendenza, integrazzjoni soċjali u parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunita' (Artiklu 15).

#### *3.11.2 Objettivi*

i. Tipprovdi aċċess ugwali għall-protezzjoni soċjali lill-persuni b'diżabilita';

ii. tippromwovi *policies* li jgħinu fil-bidla minn dipendenza fuq il-benefiċċji finanzjarji lejn, fejn possibbli, l-impjieg u l-indipendenza.

#### *3.11.3. Azzjonijiet speċifiċi minn stati membri*

i. Jassiguraw bilanċ koerenti bejn miżuri ta' protezzjoni soċjali u *policies* attivi orjentati lejn impjieg bil-għan li ma jinkoraġġux dipendenza inattiva fuq il-benefiċċji;

ii. jassiguraw li l-allokazzjoni tas-servizzi soċjali u servizzi relatati tkun ibbażata fuq *assessment* sod u multidixxiplinarju tal-bżonnijiet tal-persuna u li jkun suġġett għal reviżjoni minn żmien għal żmien;

iii. jassiguraw li s-sistemi u proċeduri ta' assessjar għal benefiċċji jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' jew ir-rappreżentanti tagħhom;

iv. jassiguraw li s-servizzi soċjali ġenerali jieħdu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilita' u l-familji tagħhom;

v. jassiguraw il-koordinament bejn u ma' dipartimenti amministrattivi u entitajiet pubbliċi u privati li jipprovdu servizzi soċjali u li dan ikun kontinwament imtejjeb, sabiex il-provediment ta' servizzi ta' kwalita' jissodisfaw il-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilita';

vi. jikkonsultaw ma' l-imsieħba soċjali u entitjiet oħra prinċipali involvuti, inkluż organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilita', fejn jidħol l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' *policies* dwar il-protezzjoni soċjali;

vii. jassiguraw id-dissiminazzjoni effettiva ta' informazzjoni dwar il-benefiċċji kollha ta' protezzjoni soċjali li l-persuni b'diżabilita' jistgħu jkunu intitolati għalihom, b'fokus speċjali fuq persuni b'diżabilita' f'riskju ta' esklużjoni soċjali;

viii. jassiguraw li l-inklużjoni soċjali u strateġiji kontra l-poverta' jagħrfu l-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilita';

ix. jikkunsidraw, fejn xieraq, l-iffirmar u r-ratifikazzjoni tal-Karta Soċjali Ewropea (European Social Charter) (riveduta), il-Kodiċi Ewropew dwar is-Sigurta' Soċjali (European Code of Social Security) (ETS Nru. 48), il-Kodiċi Ewropew dwar is-Sigurta' Soċjali rivedut (revised European Code of Social Security) (ETS Nru. 139), u l-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Sigurta' Soċjali (European Convention of Social Security) (ETS Nru. 78);

x. jimplimentaw il-provedimenti relevanti inkluż ir-Rakkomandazzjoni Rec (2003) 19 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar l-aċċess għad-drittijiet soċjali.

### *3.12. Grupp ta' Azzjoni Nru. 12: Protezzjoni Legali*

#### *3.12.1. Introduzzjoni*

Persuni b'diżabilita' għandhom id-dritt li jkunu rikonoxxuti kullimkien bħala persuni quddiem il-liġi. Meta assistenza tkun meħtieġa biex tiġi eżerċitata l-kapaċita' legali, stati membri għandhom jassiguraw li din tkun salvagwardata tajjeb mil-liġi.

Persuni b'diżabilita' jiffurmaw grupp ta' popolazzjoni varjat, imma kollha għandhom komuni, min ħafna u min ftit, il-bżonn ta' salvagwardji addizzjonali biex igawdu b'mod sħiħ id-drittijiet tagħhom u biex jipparteċipaw fuq bażi ugwali bħal membri oħra.

Il-bżonn li tingħata attenzjoni għas-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilita' dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fuq bażi ugwali bħall-oħrajn, hu kkonfermat minn inizjattivi meħuda f'dan il-qasam kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali.

Il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni għandu jkun il-bażi tal-*policies* governattivi mfassla biex jingħataw opportunitajiet indaqs lill-persuni b'diżabilita'.

Aċċess għas-sistema legali hu dritt fundamentali f'soċjeta' demokratika imma persuni b'diżabilita' jistgħu spiss jiffaċċjaw numru ta' ostakli, inkluż diffikultajiet ta' aċċess fiżiku. Dan jirrikjedi varjeta' ta' miżuri u azzjonijiet pożittivi, inkluż għarfien ġenerali dwar l-oqsma tad-diżabilita' fost il-professjoni legali.

*3.12.2. Objettivi*

i. Tassigura aċċess effettiv għal ġustizzja mill-persuni b'diżabilita' fuq bażi ugwali bħall-oħrajn;

ii. tipproteġi u tippromwovi t-tgawdija tad-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha minn persuni b'diżabilita' fuq bażi ugwali bħall-oħrajn.

*3.12.3. Azzjonijiet speċifiċi minn stati membri*

i. Jipprovdu protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni permezz ta' introduzzjoni ta' miżuri leġislattivi speċifiċi, entitajiet u proċeduri ta' rappurtaġġ u mekkaniżmi li joffru  miżuri korrettivi;

ii. jassiguraw li l-provedimenti li jiddiskriminaw kontra persuni b'diżabilita' jkunu eliminati mil-leġislazzjoni *mainstreamed*;

iii. jippromwovu taħriġ dwar id-drittijiet umani u d-diżabilita' (kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali) għall-*personnel* li jinfurzaw il-liġijiet, uffiċjali pubbliċi, ġudikatura u staff mediku;

iv. jinkoraġġixxu xbieki ta' *advocacy* mhux governattivi li jaħdmu biex jiddefendu d-drittijiet umani tal-persuni b'diżabilita';

v. jassiguraw li l-persuni b'diżabilita' għandhom aċċess ugwali għas-sistema ġuridika billi jiġi assigurat id-dritt tagħhom għal informazzjoni u l-komunikazzjoni billi dawn ikunu aċċessibbli għalihom;

vi. jipprovdu assistenza lil dawk il-persuni li jesperjenzaw diffikulta' biex jeżerċitaw il-kapaċita' legali tagħhom u jassiguraw li d-daqs ta' l-assistenza tkun skond il-livell ta' sapport meħtieġ;

vii. jieħdu miżuri xierqa li jassiguraw li l-persuni b'diżabilita' ma jkunux imċaħħda mil-liberta' tagħhom, ħlief meta din tkun skond il-liġi;

viii. jieħdu miżuri effettivi li jassiguraw dritt ugwali għall-persuni b'diżabilita' biex huma jkunu sidien u jirtu proprjeta', waqt li jipprovdu protezzjoni legali biex jimmaniġġjaw l-assi tagħhom fuq bażi ugwali ta' l-oħrajn;

ix. jassiguraw li l-ebda persuna b'diżabilita' ma tkun soġġett għal esperimentazzjoni medika kontra l-volonta' tagħha;

x. jimplimentaw provedimenti inklużi fir-Rakkomandazzjoni Nru R (99) 4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar il-prinċipji li jikkonċernaw il-protezzjoni legali ta' adulti mhux kapaċi (On principles concerning the legal protection of incapable adults).

### *3.13. Grupp ta' Azzjoni Nru. 13: Protezzjoni minn vjolenza u abbuż*

#### *3.13.1. Introduzzjoni*

Atti ta' abbuż u vjolenza kontra kull persuna m'humiex aċċettati u s-soċjeta' għandha d-dmir li l-individwi, partikolarment dawk l-aktar vulnerabbli, ikunu protetti minn dan l-abbuż.

Hemm indikazzjonijiet li r-rata ta' abbuż u vjolenza mwettqa kontra persuni b'diżabilita' hi konsiderevolment ogħla mir-rata tal-popolazzjoni ġenerali, u aktar għolja ma' nisa b'diżabilita', b'mod partikolari ma' nisa b'diżabilitajiet severi, fejn il-persentaġġi ta' abbuż jaqbżu sew dawk ta' nisa bla diżabilita'. Dan l-abbuż jista' jsir f'istituzzjonijiet u tipi oħra ta' ħarsien u sitwazzjonijiet, inkluż fl-ambjent familjari. Jista' jsir minn stranġieri jew persuni magħrufa mill-individwi u jista' jieħu diversi forom, per eżempju abbuż verbali, azzjonijiet vjolenti, jew iċ-ċaħda milli jiġu sodisfatti bżonnijiet bażiċi.

Waqt li l-gvernijiet ma jistgħux jiggarantixxu li ma jsirx abbuż, huma għandhom jagħmlu dak kollu possibbli biex jistabbilixxu protezzjoni u salvagwardji l-aktar b'saħħithom possibbli. Il-prevenzjoni tista' tkun mgħejuna b'diversi modi, partikolarment permezz ta' edukazzjoni biex jiġu apprezzati d-drittijiet ta' individwi għal protezzjoni u jkunu magħrufa u mnaqqsa r-riskji ta' abbuż. Persuni b'diżabilita' li jesperjenzaw abbuż jew vjolenza għandhom ikollhom aċċess għal sapport xieraq. Għandhom ikollhom sistema li tgawdi fiduċja biżżejjed li jiġi rappurtat lilha abbuż u li toffri azzjoni ta' *follow-up*, inkluż sapport individwali. Sistemi bħal dawn jirrikjedu *personnel* li jkun imħarreġ u kkwalifikat li jagħraf u jirrispondi għal sitwazzjonijiet ta' abbuż.

Waqt li f'dawn l-aħħar snin saret xi riċerka, hu ċar li hemm bżonn ta' aktar għarfien biex jitfasslu l-istrateġiji futuri u dwar prattiċi tajba.

*3.13.2. Objettivi*

i. taħdem f'qafas ta' anti-diskriminazzjoni u drittijiet umani biex tissalvagwardja persuni b'diżabilita' minn kull forma ta' vjolenza u abbuż;

ii. tassigura aċċess lill-persuni b'diżabilita' għal servizzi u sistemi ta' sapport għall-vittmi ta' vjolenza u abbuż.

*3.13.3. Azzjonijiet speċifiċi minn stati membri*

i. Jistabbilixxu salvagwardji biex jipproteġu persuni b'diżabilita' minn vjolenza u abbuż permezz ta' implimentazzjoni effettiva ta' *policies* u fejn meħtieġ leġislazzjoni;

ii. jippromwovu l-provediment ta' u aċċess għal taħriġ lill-persuni b'diżabilita' biex jitnaqqas ir-riskju ta' vjolenza u abbuż, per eżempju, korsijiet dwar kunfidenza fik innifsek u *empowerment*;

iii. jiżviluppaw proċessi, miżuri u protokolli modifikati għall-persuni b'diżabilita', biex każi ta' abbuż u vjolenza jkunu magħrufa aktar malajr, u jassiguraw li tittieħed azzjoni neċessarja kontra min ikun qed iwettaq dan l-abbuż, inkluż miżuri korrettivi u *counselling* professjonali adekwat f'każ li jkun hemm problemi emozzjonali;

iv. jassiguraw li vittmi ta' vjolenza u abbuż, inkluż dik domestika, ikollhom aċċess għal servizzi ta' sapport relevanti, inkluż miżuri korrettivi;

v. jipprevenu u jiġġieldu l-vjolenza, trattament ħażin u abbuż f'kull sitwazzjoni minn familji li jkunu qed jissapportjaw il-persuna b'diżabilita' u jagħmlu kampanji ta' għarfien pubbliku u edukazzjoni, jippromwovu diskussjoni u kooperazzjoni bejn il-partijiet kollha involuti;

vi. jissapportjaw persuni b'diżabilita' u l-familji tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' abbuż permezz ta' informazzjoni u aċċess għall-informazzjoni;

vii. jassiguraw li jkun hemm sistemi għall-protezzjoni mill-abbuż ta' persuni b'diżabilita' f'faċilitajiet psikjatriċi, djar u istituzzjonijiet ta' ħarsien soċjali, orfanatrofji u istituzzjonijiet oħra;

viii. jassiguraw li jkun ipprovdut taħriġ relevanti lill-istaff kollu li jaħdem f'istituzzjonijiet speċifikament għall-persuni b'diżabilita' u f'servizzi ta' sapport *mainstreamed*;

ix. iħarrġu lill-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji biex ikunu jistgħu jirċievu testimonjanzi minn persuni b'diżabilita' u jittrattaw rapporti ta' abbuż b'mod serju;

x. jipprovdu lill-persuni b'diżabilita' informazzjoni dwar kif jevitaw ċirkustanzi ta' vjolenza u abbuż, kif jagħrfuhom u kif jirrapportawhom;

xi. jieħu miżuri effettivi leġislattivi, amministrattivi, ġuridiċi u oħrajn b'sanzjonijiet qawwija u b'mod trasparenti u li jippermettu li jkun hemm evalwazzjoni indipendenti mis-soċjeta' ċivili biex tiġi pprevenuta kull forma ta' vjolenza fiżika u mentali, ġrieħi jew abbuż, negliġenza jew trattament negliġenti, trattament ħazin, esplojtazzjoni jew sekwestru ta' persuni b'diżabilita';

xii. jimplimentaw il-provedimenti relevanti tar-Rakkomandazzjoni Rec (2002) 5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar il-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza (On the protection of women against violence);

xiii. jimplimentaw il-provedimenti relevanti tar-Rakkomandazzjoni Nru. R (99) 4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar il-prinċipji li jikkonċernaw adulti inkapaċi (On principles concerning the legal protection of incapable adults);

xiv. jimplimentaw ir-Riżoluzzjoni Res AP (2005) 1 dwar is-salvagwardja ta' adulti u tfal b'diżabilita' kontra l-abbuż (On safeguarding adults and children with disabilities against abuse), u biex jieħdu konsiderazzjoni tar-rapport relevanti[2] kumplimentarju;

### *3.14. Grupp ta' azzjoni Nru. 14 Riċerka u żvilupp*

#### *3.14.1. Introduzzjoni*

Riċerka komprensiva, ġbir u analiżi ta' statistika tinforma t-tfassil ta' *policy* ibbażata fuq evidenza. Informazzjoni ta' min jorbot fuqha tidentifika *issues* li qed jinħolqu, tgħin biex jitfasslu soluzzjonijiet u tagħti riżultati effettivi. Tidentifika wkoll prattiċi tajbin u timmoniterja l-bidliet fis-soċjeta'.

Nuqqas ta' data fir-rigward ta' persuni b'diżabilita' hi rikonoxxuta bħala ostaklu għall-iżvilupp ta' *policy* kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali. Għandna bżonn ninkoraġġixxu u nġibu 'l quddiem riċerka komprensiva, diversifikata u speċjalizzata dwar l-oqsma kollha tad-diżabilita' biex nippromwovu l-implimentazzjoni effettiva ta' l-Objettivi li hawn f'dan il-Pjan ta' Azzjoni.

#### *3.14.2. Objettivi*

i. Tippromwovi aktar *policy* mibnija fuq l-evidenza u l-iżvilupp ta' standards billi titjieb it-tranżizzjoni tar-riżultati miksuba minn riċerka futura għal *policy*;

ii. tarmonizza l-metodoloġija tal-ġbir ta' l-istatistika nazzjonali u internazzjonali biex ikun hawn informazzjoni valida u komparabbli;

iii. tuża u tissapportja r-riċerka kollha eżistenti u l-potenzjal għall-iżvilupp, b'mod multidixxiplinarju, biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilita' u titjieb il-kwalita' ta' ħajjithjom.

*3.14.3. Azzjonijiet speċifiċi minn stati membri*

i. Jiżviluppaw strateġiji dwar statistika u informazzjoni għal *policy* dwar id-diżabilita' u l-iżvilupp ta' standard ibbażat fuq mudell tad-diżabilita' li hu soċjali u mibni fuq id-drittijiet umani, u tirrevedi l-effettivita' ta' strateġiji nazzjonali eżistenti u *databases*;

ii. jassiguraw li l-informazzjoni miksuba permezz ta' assessjar dwar il-bżonnijiet, waqt li tinżamm bħala kunfidenzjali fuq il-livell individwali, tintuża bl-aħjar mod biex tinforma l-ippjanar ġenerali ta' servizzi u provedimenti fuq il-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;

iii. jassiguraw li r-riċerka *mainstreamed*, fejn xieraq, tipprovdi data dwar il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilita', li tkopri l-oqsma kollha relevanti ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni;

iv. jassiguraw li r-riċerka, fejn possibbli, tinkorpora dimensjoni li tiffaċilita l-analiżi fuq bażi tal-ġeneru, dwar is-sitwazzjoni li tirrigwarda n-nisa b'diżabiilta';

v. jaħdmu għall-approwċ ikkoordinat tar-riċerka billi jkun hemm qbil dwar klassifikazzjonijiet komuni li jwasslu għal evalwazzjoni u analiżi tad-*databases* nazzjonali u internazzjonali;

vi. jippromwovu studji ta' riċerka dwar miżuri rijabilitattivi li kellhom suċċess, li għandhom l-għan li l-persuni jirkupraw u jerġgħu jintegraw lilhom infushom fil-komunita';

vii. jippromwovu studji dwar l-effetti tal-bdil fid-demografija u l-proċess ta' l-anzjanita' fuq il-kwalita' tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita';

viii. jinvolvu r-rappreżentanti tal-persuni b'diżabilita' u entitajiet u persuni oħra direttament involuti fl-iżvilupp ta' strateġija dwar ir-riċerka u l-ġbir tad-data;

ix. jissapportjaw riċerka xjentifika u applikata fit-tfassil ta' teknoloġiji ġodda dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għajnuniet teknoloġiċi, prodotti u apparat li jistgħu jikkontribwixxu għall-ħajja indipendenti u l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta';

x. jinkoraġġixxu biex ir-riċerka kollha dwar il-prodotti tieħu konsiderazzjoni tal-prinċipji dwar id-Disinn Universali;

xi. jippromwovu l-bdil ta' prattiċi tajbin, qsim ta' informazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib bejn l-entitajiet relevanti biex jiġi assigurat li jkun hawn data komprensiva li tinforma l-*policies*;

xii. jikkummissjonaw riċerka relevanti u proġetti pilota innovattivi biex jissapportjaw l-iżvilupp ta' *policy* li tkopri l-oqsma kollha relevanti ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni.

### *3.15. Grupp ta' Azzjoni Nru. 14: Għarfien pubbliku*

#### *3.15.1. Introduzzjoni*

Persuni b'diżabilita' jiffaċċjaw ħafna ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom u biex ikunu rikonoxxuti bħala membri sħaħ u ugwali tas-soċjeta'. Il-biċċa l-kbira tal-persuni b'diżabilita' jikkunsidraw li l-attitudni tas-soċjeta' hi l-akbar ostaklu għall-integrazzjoni sħiħa tagħhom. Persuni b'diżabilita' għadhom jiltaqgħu ma' attitudnijiet mhux aċċettabbli bbażati fuq preġudizzji eżistenti, biża', aspettattivi baxxi u nuqqas ta' fiduċja fl-abbiltajiet tagħhom. Dawn l-attitudnijiet jistgħu jinbidlu permezz ta' strateġiji ta' għarfien pubbliku li jinvolvu firxa ta' persuni u entitajiet involuti direttament.

F'dawn l-aħħar snin, ħafna stati membri żviluppaw leġislazzjoni anti-diskriminatorja u inkoraġġew inizjattivi dwar il-politika soċjali. Dawn l-inizjattivi qed jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilita' fil-komunitajiet lokali tagħhom imma dan biss mhux biżżejjed.

Biex jippromwovu l-attivitajiet tagħhom, l-istati membri għandhom jassiguraw il-kooperazzjoni kemm fil-qasam tal-medja, u wkoll fl-oqsma l-oħra li jistgħu jġibu bidla fl-attitudnijiet.

Hemm bżonn li persuni b'diżabilita' jkunu preżenti, fir-riklami, fuq l-iskrin, fuq ir-radju, u fl-istampa biex issir il-bidla fil-paradigma dwar il-perċezzjoni tad-diżabilita' u l-persuni b'diżabilita'; bidla vera fl-attitudnijiet tal-membri kollha tas-soċjeta' u mbagħad tkun tista' ssir realta'.

Is-soċjeta' hemm bżonn li tagħraf li l-persuni b'diżabilita' għandhom l-istess drittijiet umani bħan-nies l-oħra kollha u li hemm ħafna ostakli li qed itellfu jew ma

jħallux lill-persuni b'diżabilita' jgawdu dawn id-drittijiet. L-eliminazzjoni ta' dawn l-ostakli mhux biss tkun ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabilita' imma għas-soċjeta' ġenerali. Ukoll, hu importanti li tkun magħrufa l-kontribuzzjoni pożittiva li l-persuni b'diżabilita' kollha, hi x'inhi l-grad tad-diżabilita' tagħhom, jagħtu bħala membri attivi u sħaħ tas-soċjeta'.

*3.15.2. Objettivi*

i. Ittejjeb l-attitudnijiet lejn il-persuni b'diżabilita' bħala membri attivi u sħaħ tas-soċjeta' permezz ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet;

ii tkabbar l-għarfien dwar id-diżabilita' u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilita' għall-opportunitajiet indaqs u l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni;

iii. tiġġieled l-attitudnijiet negattivi kontra l-persuni b'diżabilita' li jistgħu jagħmlu ħsara lill-immaġini u l-interessi tal-persuni b'diżabilita'.

*3.15.3. Azzjonijiet speċifiċi mill-istati membri*

i. l-immaġini tad-diżabilita' tkun *mainstreamed* f'kull riklamar u pubbliċita' governattiva biex iġġib bidla fl-attitudnijiet tas-soċjeta';

ii. jinkoraġġixxu lill-medja u organizzazzjonijiet tal-medja kollha żżid u ttejjeb l-immaġini tal-persuni b'diżabilita' bħala ċittadini sħaħ fix-xandir u l-komunikazzjoni miktuba, per eżempju billi jintroduċu linji gwida etiċi dwar id-dinjita' tal-persuni b'diżabilita';

iii. jinkoraġġixxu l-istazzjonijiet tat-televiżjoni u r-radju biex jiddiskutu oqsma relatati mal-persuni b'diżabilita' fi programmi ġenerali u, fejn xieraq, programmi speċjalizzati;

iv. jorganizzaw, fejn possibbli, kampanji regolari ta' għarfien pubbliku dwar id-drittijiet, il-potenzjal u l-kontribuzzjonijiet ta' persuni b'diżabilita';

v. jużaw mezzi innovattivi u oħrajn prattiċi li juru lit-tfal, żgħażagħ u adulti l-*issues* li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilita';

vi. jinkoraġġixxu persuni b'diżabilita' u l-organizzazzjonijiet tagħhom biex jagħmlu pubbliċita' tagħhom kemm fuq il-livell lokali kif ukoll dak nazzjonali billi jagħmlu użu mill-gwida dwar kif taħdem mal-medja;

vii. jissapportjaw u jippromwovu d-distribuzzjoni ta' eżempji ta' prattiċi tajbin fl-oqsma kollha tal-ħajja biex jiżdied l-għarfien fl-edukazzjoni, l-ambjent tax-xogħol u l-komunita'.

## 4. Aspetti li jimxu mal-pjan kollu

## *4.1 Introduzzjoni*

Fil-popolazzjoni Ewropea tal-persuni b'diżabilita', hemm persuni li jiffaċċjaw ostakli speċifiċi jew diskriminazzjoni doppja.

Dawn il-persuni għandhom riskju akbar ta' esklużjoni u ġeneralment jesperjenzaw livelli aktar baxxi ta' parteċipazzjoni fis-soċjeta'. Għalhekk, dawk li jifformulaw il-*policy* għandhom jassiguraw li l-*policies* u l-istrateġiji tagħhom dwar l-inklużjoni jieħdu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet ta' gruppi speċifiċi ta' persuni b'diżabilita' biex jassiguraw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjeta'.

Id-Dikjarazzjoni ta' Malaga tagħti importanza lil żewġ gruppi minn dawn li għandhom ikunu kkunsidrati f'dan il-Pjan ta' Azzjoni – in-nisa b'diżabilita' u l-persuni li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport. Ir-rapporti tal-Gruppi ta' Ħidma dwar id-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa b'Diżabilita' u kontra l-Persuni li Għandhom Bżonn Livell Għoli ta' Sapport analizzaw il-fatturi partikolari li huma uniċi għal dawn il-gruppi u pproponew azzjonijiet speċifiċi li jimxu ma' diversi gruppi ta' azzjoni, inkluż l-għajxien indipendenti, l-edukazzjoni, l-impjieg, eċċ[2].

Gruppi oħra li jinħtieġu azzjoni mal-pjan kollu jinkludi t-tfal b'diżabilita', il-persuni anzjani b'diżabilita' u l-persuni minn minoranzi (per eżempju persuni Roma, immigranti, refuġjati, persuni li ħallew pajjiżhom, jew minoritajiet etniċi, kulturali jew lingwistiċi). Dawk li jagħmlu l-*policy* għandhom jagħrfu li l-ostakli u l-isfidi li jiffaċċjaw kull wieħed minn dawn il-gruppi u jassiguraw li l-*policies* tagħhom ikunu kapaċi jneħħu dawn l-ostakli u jassiguraw li l-individwi jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom flimkien maċ-ċittadini l-oħrajn.

## *4.2 Nisa u tfal bniet b'diżabilita'*

Nisa u tfal b'diżabilita'[3] jistgħu u spiss jiffaċċjaw ostakli multipliċi biex jipparteċipaw fis-soċjeta' minħabba diskriminazzjoni doppja, jiġifieri minħabba kemm għax huma nisa kif ukoll għax għandhom diżabilita'. Għalkemm is-sitwazzjoni ġenerali tal-persuni b'diżabilita' tjiebet b'mod sinjifikanti, il-benefiċċju ta' dan it-tibdil fis-soċjeta' mhux dejjem jinqasam b'mod ugwali bejn nisa b'diżabilita' u rġiel b'diżabilita'.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' *policies* relevanti u l-implimentazzjoni ta' miżuri għandhom ikunu mfassla b'mod li jassiguraw bilanċ fl-opportunitajiet bejn irġiel u nisa b'diżabilita'. Is-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u tfal bniet b'diżabilita' għandha tkun ikkonsidrata meta jiġu żviluppati kemm *policies* li jkunu *mainstreamed* u

---

[2] Diskriminazzjoni kontra n-nisa b'diżabilita' (Discrimination against women with disabilties), Council of Europe Publishing, Strasbourg, 2003, ISBN 92-871-5316-7, Għajxien fil-komunita' għall-persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport (Community living for people with disabilities in need of a high level of support), Council of Europe, Strasbourg, 2004.

[3] Kull riferenza f'dan il-Pjan ta' Azzjoni għal nisa b'diżabilita' għandha tinftiehem li tinkludi tfal bniet b'diżabilita'.

programmi dwar id-diżabilita' kif ukoll dawk dwar il-ġeneru f'kull livell, jiġifieri dawk fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali.

Azzjoni hi meħtieġa biex jitneħħew ostakli li ma jħallux lin-nisa b'diżabilita' jgawdu d-drittijiet tagħhom fuq l-istess bażi ta' l-irġiel u tan-nisa bla diżabilita'. Din l-azzjoni għandha testendi fuq firxa wiesgħa ta' oqsma inkluż ir-relazzjonijiet, li ssir u tkun ġenitur, il-ħajja tal-familja, is-sesswalita' u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-abbuż. Tinkludi wkoll miżuri li jassiguraw opportunitajiet indaqs biex tipparteċipa fil-ħajja politika u pubblika, l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjieg u l-ħajja soċjali u kulturali. Ħafna minn dawn l-oqsma ta' *policies* huma koperti minn gruppi ta' azzjoni li hawn f'dan il-Pjan ta' Azzjoni, imma dawn iridu jiġu kkonsidrati f'termini ta' kif fatturi li jaffettwaw il-parteċipazzjoni tan-nisa u t-tfal b'diżabiilta jistgħu jiġu indirizzati mill-istati membri.

### *4.3. Persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport*[4]

Wieħed mill-aktar gruppi vulnerabbli tal-persuni b'diżabilita' hu l-grupp ta' individwi li, minħabba n-natura severa u kumplessa ta' nuqqas bijoloġiku tagħhom, jeħtieġu livell għoli ta' sapport. Il-kwalita' ta' ħajjithom tiddependi ħafna mal-provista ta' servizzi xierqa u ta' kwalita' li jirrispondu għall-bżonnijiet tagħhom u tal-familji tagħhom biex tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjeta' sal-massimu possibbli, aktar milli replika ta' servizzi pprovduti b'mod ġenerali lill-persuni b'diżabilita'.

Dan il-grupp ta' persuni aktarx li l-aktar issibhom jgħixu f'istituzzjonijiet jew f'xi każijiet mal-familji tagħhom, imma jistgħu jesperjenzaw iżolazzjoni minħabba li jkun hemm ftit jew xejn kuntatt ma' min jipprovdi s-servizzi u l-membri l-oħra tas-soċjeta'. Għal dawn ir-raġunijiet, persuni minn dan il-grupp jeħtieġu servizzi intensivi ta' kwalita' u permanenti mfassla skond il-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

L-għoti ta' dawn is-servizzi hemm bżonn li jkun imsaħħaħ imma li ma jitbiegħedx mill-mudell ta' servizzi bbażati fil-komunita' u l-aċċess ekwu għall-provedimenti *mainstreamed*. Stati membri għandhom bżonn jagħrfu li dan jirrikjedi ppjanar intensiv u koordinat bejn l-awtoritajiet relevanti, aġenziji governattivi u entitajiet oħra li jipprovdu servizz kemm fuq il-livell lokali kif ukoll dak nazzjonali.

### *4.4. Tfal u żgħażagħ b'diżabilita'*

Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal hi bbażata fuq erba' prinċipji fundamentali – id-dritt tat-tifel jew tifla li ma jkunx/ma tkunx diskriminat/a, l-aħjar interessi tat-tifel jew tifla jkunu kkunsidrati f'kull deċiżjoni; id-dritt tat-tifel jew tifla għal ħajja u l-iżvilupp; u d-dritt li jesprimi l-opinjoni tiegħu jew tagħha. Tfal subien u bniet b'diżabilita' għandhom ukoll id-dritt li jaċċessew l-istess drittijiet, għalhekk l-istati membri għandhom jakkwistaw l-għarfien dwar il-bżonnijiet tagħhom biex jinfurmaw l-ippjanar, id-deċiżjonijiet u l-prattiċi f'firxa wiesgħa ta' oqsma tal-*policy*.

---

[4] Għajxien fil-komunita' għal persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn ta' livell għoli ta' sapport, op. cit.

Il-bżonnijiet ta' tfal b'diżabilita' u l-familji tagħhom għandhom jiġu assessjati bil-għaqal mill-awtoritajiet responsabbli bil-għan li jiġu pprovduti miżuri ta' sapport li jassiguraw li t-tfal jikbru mal-familji tagħhom, ikunu inklużi fil-komunitajiet u fil-ħajja u l-attivitajiet tat-tfal lokali. Tfal b'diżabilita' għandhom jirċievu edukazzjoni li tgħanni lil ħajjithom u tgħinhom jilħqu l-potenzjal massimu tagħhom.

Provediment ta' servizzi ta' kwalita' u strutturi ta' sapport lill-familja jistgħu jassiguraw tfulija rikka u li tgħin fl-iżvilupp u li tagħti pedamenti għal ħajja adulta parteċipattiva u indipendenti. Hu importanti, għalhekk, li min jagħmel il-*policy* għandu jieħu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet tat-tfal b'diżabilita' u tal-familji tagħhom meta jfassal *policies* dwar id-diżabilita' u *policies* li jkunu *mainstreamed* dwar it-tfal u l-familji.

Il-parteċipazzjoni u ċ-ċittadinanza attiva tikkonsisti fid-dritt, il-mezzi, l-ispazju u l-opportunita' u, fejn meħtieġ, is-sapport biex jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzahom u jieħdu sehem f'azzjonijiet u attivitajiet biex jikkontribwixxi għal bini ta' soċjeta aħjar. Organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ b'diżabilita' għandhom ikunu kkonsultati fil-preparazzjoni ta' *policy* u programmi dwar iż-żgħażagħ. Il-vuċi taż-żgħażagħ b'diżabilita' għandha tinstema' f'kull materja li tikkonċernahom.

Żgħażagħ b'diżabilita' għadhom jiffaċċjaw diversi ostakli biex jaċċessaw kull aspett ta' ħajjithom: l-edukazzjoni, ix-xogħol, l-isports, il-kultura, id-divertiment u l-ħajja fil-komunita'. Dawn l-*issues* jistgħu jiġu indirizzati biss fuq bażi ta' strateġija komprensiva. Modi biex jassiguraw parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjeta, li tieħu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet speċifiċi tagħhom, iridu jiġu indirizzati fil-preparazzjoni ta' kull *policy* dwar iż-żgħażagħ. Skond il-Karta Ewropea dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja lokali u reġjonali, il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fid-deċiżjonijiet u azzjonijiet fil-livell lokali u reġjonali hi essenzjali għal bini ta' soċjetajiet aktar demokatiċi, inklużivi u sinjuri.

### *4.5. L-anzjanita' u l-persuni b'diżabilita'*

L-anzjanita' fost il-persuni b'diżabilita', partikolarment dawk li għandhom bżonn ta' sapport intensiv minħabba n-natura tan-nuqqas bijoloġiku tagħhom, tippreżenta sfidi ġodda għas-soċjetajiet ta' l-Ewropa kollha. Dan jinkludi sapport lill-individwi u lill-familji tagħhom speċjalment meta l-ġenituri anzjani jkunu dawk li primarjament qed jieħdu ħsieb il-persuna b'diżabilita'. Approwċis innovattivi huma meħtieġa biex jilqgħu dawn l-isfidi fuq firxa ta' oqsma ta' *policy* u servizzi. Rapporti tal-Kunsill ta' Ewropa jidentifikaw l-oqsma prinċipali għal dan il-grupp u jagħtu proposti x'irid isir u kif se nimxu fil-futur. Għandu jkun hemm azzjoni koordinata li tista' tirrispondi għal bżonnijiet speċifiċi bil-għan li tgħin persuni anzjani b'diżabilita' jibqgħu jgħixu fil-komunita' tagħhom l-aktar possibbli. Dan jirrikjedi *assessment* tal-bżonnijiet individwali u ppjanar li jħares 'il quddiem, kif

ukoll il-provista ta’ servizzi meħtieġa. *Issues* dwar id-diżabilita’ jridu wkoll jiġu kkonsidrati meta jitfasslu *policies* dwar il-persuni anzjani.

Dawn l-*issues* u fatturi li jaffettwaw il-parteċipazzjoni ta’ pesuni anzjani b’diżabilita’ fil-ħajja ta’ kuljum u fl-attivitajiet, għandhom ikunu kkonsidrati meta jitfasslu azzjonijiet fil-gruppi ta’ azzjoni li hawn f’dan il-Pjan ta’ Azzjoni.[5]

### *4.6. Persuni b’diżabilita’ minn minoranzi jew immigranti*

Persuni b’diżabilita’ minn gruppi ta’ minoranzi, immigranti u refuġjati b’diżabilita’ jistgħu jesperjenzaw żvantaġġi multipliċi minħabba diskriminazzjoni jew nuqqas ta’ familjarita’ mas-servizzi pubbliċi.

Bħala eżempju, minkejja ż-żieda fl-attenzjoni lejn ir-Roma fl-Ewropa, aktar azzjoni hi meħtieġa biex ikunu magħrufa l-istatus tagħhom bħal membri ugwali fis-soċjeta’. Fil-komunita’ tagħhom stess, persuni b’diżabilita’ huma kkunsidrati bħala inviżibbli u għalhekk huma grupp vulnerabbli speċifiku.

L-edukazzjoni, l-impjieg, is-servizzi ta’ saħħa soċjali u l-ħajja kulturali huma partikolarment oqsma importanti biex jiġu indirizzati għal gruppi kollha.

Stati membri għandhom jassiguraw li meta jingħata sapport lill-persuni b’diżabilita’ jiġi kkunsidrat il-lingwa tagħhom, l-isfond kulturali u l-bżonnijiet partikolari ta’ gruppi ta’ minoranza.

## 5. Implimentazzjoni u azzjoni li ssegwi dak li jkun sar

### *5.1. Introduzzjoni*

Il-gvernijiet ta’ l-istati membri għandhom ir-responsabbilta’ primarja li jimplimentaw *policies* dwar id-diżabilita’ fil-livell nazzjonali, u b’mod partikolari għall-implimentazzjoni ta’ l-azzjonijiet speċifiċi li jirreferu għalihom taħt kull grupp ta’ azzjoni.

Dan il-Pjan ta’ Azzjoni jagħraf li *policy* anti-diskriminatorja, mekkaniżmu amministrattiv, riżorsi, demografija, eċċ., ivarjaw minn pajjiż għal ieħor. Għalhekk il-Pjan iħalli lill-istati membri biex jiddeċiedu huma l-prijoritajiet nazzjonali u li jieħdu approwċ gradat għall-implimentazzjoni b’kull mod li hu xieraq għalihom.

Hu maħsub li fl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi mniżżla f’dan il-Pjan ta’ Azzjoni, l-istati membri jieħdu konsiderazzjoni sħiħa ta’:

- ☐ il-prinċipji li fuqhom hu mibni l-Pjan ta’ Azzjoni, inkluż b’mod partikolari d-drittijiet ta’ l-individwi għal protezzjoni mid-diskriminazzjoni, għal

[5] Qafas għal analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tad-data dwar l-anzjanita’ u l-persuni b’diżabilita’ (Framework for the qualitative and quantitative analysis of data on the ageing of people with disabilities), Council of Europe Publishing, Strasbourg, 1998, ISBN 92-871-3327-1.

opportunitajiet indaqs u għar-rispett tad-drittijiet tagħhom bħala ċittadini;

- aspetti li jimxu mal-pjan kollu inkluż il-bżonnijiet speċifiċi tan-nisa u tfal bniet b'diżabilita', tfal u żgħażagħ b'diżabilita', persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport, persuni anzjani b'diżabilita', immigranti b'diżabilita' u persuni b'diżabilita' minn minoranzi, flimkien mar-rwol kruċjali li servizzi ta' kwalita' u t-taħriġ għandhom fejn tidħol il-provista ta' servizzi għall-persuni b'diżabilita'.

- l-involviment ta' l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilita' f'kull stadju ta' l-implimentazzjoni, il-moniteraġġ u l-evalwazzjoni fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali u li hu kkunsidrat bħala element prinċipali.

### *5.1.1 Disinn Universali*

Ugwaljanza fl-aċċess hi essenzjali għall-iżvilupp ta' soċjeta' kompletament inklużiva. Id-disinn ta' bini, l-ambjent, prodotti, sistemi ta' komunikazzjoni u elettroniċi hu partikolarment importanti biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni u l-indipendenza tal-persuni b'diżabilita' f'kull aspett tal-ħajja.

Disinn Universali hu mod effettiv biex itejjeb l-aċċessibilita' u l-kwalita' ta' l-ambjent mibni, servizzi u prodotti. Dan jiffoka fuq l-importanza li jiġi assigurat li d-disinn ta' l-ambjent, bini u prodotti ta' kuljum ikunu tajjeb mill-bidu aktar milli taddattahom aktar tard. Waqt li mhux dejjem hu possibbli li tagħmel bini antik jew storiku kompletament aċċessibbli, xorta għad fadal wisq ostakli li ma jħallux lill-persuni b'diżabilita' milli jieħdu sehem fl-aspetti kollha tas-soċjeta' u jagħmlu użu mill-faċilitajiet kollha tas-soċjeta'. L-inkoraġġiment tal-prinċipju tad-Disinn Universali, l-applikazzjoni wiesa' tiegħu u l-parteċipazzjoni ta' min juża l-oġġett f'kull stadju tad-disinn, huma ta' importanza kbira biex titjieb l-aċċessibilita' għall-ambjent mibni, it-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni u l-mod kif ikunu użati l-prodotti.

### *5.1.2. Servizzi ta' kwalita' u taħriġ ta' l-istaff*

Il-kwalita' u t-taħriġ huma prinċipji essenzjali li fuqhom huma mibnija l-gruppi ta' azzjoni ta' dan il-Pjan. Ħafna pajjiżi Ewropej diġa', b'mod sistematiku, qed jaħdmu biex itejbu l-kwalita' tas-servizzi u t-taħriġ ta' l-istaff u l-*personnel*. Hu kkunsidrat bħala essenzjali li l-*policies*, is-servizzi, u l-azzjonijiet kollha jkunu mibnija fuq standards għolja ta' kwalita' u mogħtija minn *personnel* kompetenti u mħarreġ. Persuni b'diżabilita' għandhom ikunu l-punt fokali tas-servizzi pprovduti. Is-sodisfazzjon tal-klijenti għandha tkun il-motivazzjoni primarja tal-*policies* dwar il-kwalita'. Hu importantissimu li l-persuni b'diżabilita', il-persuni li qed jużaw dawn

is-servizzi, ikunu parteċipanti attivi fil-ħidma biex tiġi assigurata l-kwalita' u l-moniteraġġ tas-servizzi.

It-taħriġ hu wkoll element essenzjali għal servizz ta' kwalita'. Dan ma jinkludix biss it-taħriġ xieraq tal-*personnel* involut fl-għoti tas-servizzi, kemm dawk relatati speċifikament mad-diżabilita' kif ukoll servizzi *mainstreamed*, imma wkoll għal dawk li għandhom ir-rwol li jiżviluppaw *policies* li jaffettwaw il-ħajja tal-persuni b'diżabilita'. It-taħriġ għandu jinkludi għarfien dwar id-drittijiet umani tal-persuni b'diżabilita'.

### *5.1.3. Mainstreaming jew responsabbilta' tas-settur*

Approwċ ta' *mainistreaming* jew responsabbilta' tas-settur, fl-iżvilupp tal-*policy* u fl-għoti tas-servizzi, għandu rwol importanti biex nippromwovu soċjeta' aktar inklużiva u hu prinċipju prinċipali li fuqu hu mibni dan il-Pjan ta' Azzjoni. *Mainstreaming* jinvolvi l-integrazzjoni tas-servizzi lill-persuni b'diżabilita' ma' dawk mogħtija lil ċittadini oħra. L-għan hu li nimxu minn *policies* li jissapportjaw is-segregazzjoni lejn l-integrazzjoni fil-*mainstream*, sa fejn hu possibbli. Madankollu, *mainstreaming* ma jeskludix l-eżistenza ta' *policies* speċifiċi dwar id-diżabilita', fejn dawn ikunu fl-aħjar interess tal-persuni b'diżabilita' (approwċ magħruf bħala ta' b'żewġ binarji).

Fil-prattika, dan l-approwċ ifisser li l-*policies* dwar id-diżabilita' m'għandhomx jidhru bħala r-responsabbilta' waħdanija ta' xi ministru jew dipartiment speċifiku. Hi r-responsabbilta' ta' kull ministeru li jassigura li fl-inizjattivi li jieħu, dawn jagħtu każ id-drittijiet tal-persuni b'diżabilita'. Koordinament ma' u bejn setturi governattivi u l-ħolqien ta' punt fokali għall-oqsma kollha dwar id-diżabilita' għandhom ikunu inkoraġġiti biex l-approwċ *mainstreamed* ikun imsaħħaħ u żviluppat.

## *5.2. Implimentazzjoni*

Il-gvernijiet ta' l-istati membri għandhom ir-responsabbilta' primarja li jimplimentaw *policies* dwar id-diżabilita' fil-livell nazzjonali, u b'mod partikolari għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi riferuti lilhom taħt kull grupp ta' azzjoni.

Stati membri għandhom jibdew b'evalwazzjoni tal-programm ta' *policy* eżistenti dwar id-diżabilita' u l-prinċipji bażiċi li fuqhom huma mibnija u mqabbla mal-mudell tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' tal-Kunsill ta' l-Ewropa, biex ikunu identifikati l-oqsma fejn għad hemm bżonn isir progress u liema azzjonijiet speċifiċi jinħtieġu li jsiru.

Bażat fuq din l-evalwazzjoni, l-istati membri għandhom ifasslu strateġiji li jassiguraw li l-programmi koordinati dwar id-diżabilita' tagħhom, l-istrateġiji u l-

azzjonijiet, ikunu inkoraġġiti b'mod gradat u konformi mal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilita' tal-Kunsill ta' l-Ewropa u r-riżorsi finanzjarji nazzjonali.

Il-prijoritajiet u t-tfassil ta' termini ta' żmien biex jitwettqu miżuri magħżula huma r-responsabbilta' ta' kull stat membru.

Hu importanti li l-implimentazzjoni tal-Pjan mill-istati membri jkun issapportjat permezz ta' approwċ ikkoordinat li jinvolvi, kif xieraq, lil dawk interessati, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-persuni b'diżabilita'.

Bħala parti mill-implimentazzjoni, l-istati membri għandhom jikkonsidraw li jagħmlu, kif xieraq, definizzjoni ta' diżabilita'.

Stati membri għandhom jittraduċu l-Pjan ta' Azzjoni fil-lingwi uffiċjali tagħhom u jagħmlu dawn it-traduzzjonijiet f'formati alternattivi. Stati membri għandhom jippromwovu l-Pjan ta' Azzjoni waqt li jinvolvu lil dawk kollha interessati biex jassiguraw is-sapport fuq terminu fit-tul.

Meta mitlub, il-Kunsill ta' l-Ewropa għandu jassisti lill-istati membri fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. Stati membri għandhom jikkunsidraw li jkun hemm kooperazzjoni mal-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill ta' l-Ewropa (Council of Europe Development Bank) (CEB) u jippreżentaw proġetti relatati mal-banek bil-għan li jkun implimentat il-Pjan ta' Azzjoni fuq il-livell nazzjonali.

### *5.3. Azzjoni li ssegwi dak li jkun sar*

Il-gvernijiet ta' stati membri għandhom ir-responsabbilta' primarja li jieħdu azzjoni biex isegwu dak li jkun sar mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa fil-livell nazzjonali, fejn huma jiddeċiedu dwar reviżjoni xierqa u l-arranġamenti meħtieġa għal din l-azzjoni li ssegwi dak li jkun sar. Għal dan il-għan, l-istati membri għandhom jikkonsultaw lil dawk kollha interessati, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-persuni b'diżabilita'.

Fil-livell Ewropew, azzjoni li ssegwi dak li jkun sar minn dan il-Pjan ta' Azzjoni għandha tiffoka fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-diżabilita' u għandha tippermetti għal bdil effettiv u b'mod strutturat ta' informazzjoni, esperjenza u prattiċi tajbin.

Azzjoni effettiva li ssegwi dak li jkun sar għal dan il-Pjan ta' Azzjoni tirrikjedi li l-istati membri jipprovdu b'mod regolari lill-Kunsill ta' l-Ewropa informazzjoni relevanti. F'dan il-kuntest, rapporti tal-gvernijiet nazzjonali lill-parlament, kif ukoll rapporti u servejs magħmula minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, huma ta' interess u relevanza partikolari.

Il-forum li jingħata l-inkarigu li jsegwi dak li jkun sar mill-Pjan ta' Azzjoni għandu jimmaniġġja dan il-proċess, inkluż il-proċeduri neċessarji, il-formulazzjoni ta'

termini ta' żmien u possibilment reviżjoni wara li jkun għadda nofs iż-żmien maħsub għal dan il-pjan.

Dan il-forum jista' jissuġġerixxi lill-istati membri prijoritajiet speċifiċi biex ikunu analizzati fil-fond. Għandu jassigura li l-Kumitat tal-Ministri jinżamm regolarment infurmat bil-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni.

Organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi tal-persuni b'diżabilita' għandhom jipparteċipaw fil-proċess, fl-ambitu tar-regoli stabbiliti ta' proċedura. Ukoll, entitajiet oħra involuti jiġu mistiedna jikkontribwixxu għal proċess, b'mod li jkun speċifikat fit-termini ta' riferenza tal-forum inkarigat minn din il-ħidma.

*Appendiċi 1 tal-Pjan ta' Azzjoni*

**Id-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Persuni b'Diżabilita'**
**"Progress lejn il-parteċipazzjoni sħiħa bħala ċittadini"**

*(Adottata mit-Tieni Konferenza Ewropea tal-Ministri responsabbli mill-policies ta' integrazzjoni tal-persuni b'diżabilita', Malaga, Spanja, 7-8 ta' Mejju 2003)*

1. Aħna, Ministri responsabbli mill-*policies* ta' integrazzjoni tal-persuni b'diżabilita', miġbura bejn is-7 u t-8 ta' Mejju 2003, f'Malaga, fuq l-istedina tal-Gvern Spanjol, fit-Tieni Konferenza Ewropea tal-Ministri, organizzata mill-Kunsill ta' l-Ewropa,

**1. Konxji li:**

2. l-għan tal-Kunsill ta' l-Ewropa, kif imħaddan fl-istatut tiegħu, hu "li niksbu għaqda akbar bejn il-membri tiegħu bil-għan li jkunu ssalvagwardjati u realizzati l-ideali u l-prinċipji li huma l-wirt komuni tagħhom u li tiffaċilita l-progress ekonomiku u soċjali tagħhom";

3. ir-riżultat ta' l-ewwel Konferenza tal-Ministri responsabbli mill-*policies* dwar il-persuni b'diżabilita', li saret f'Pariġi bejn is-7 u t-8 ta' Novembru 1981, bl-isem "Għajxien Indipendenti għal persuni b'diżabilita'" (Independent Living for people with disabilities), li wasslet biex il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa jadotta r-Rakkomandazzjoni Nru. R (92) 6 dwar *policy* koerenti dwar il-persuni b'diżabilita';

4. il-fatt li l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u t-tgawdija sħiħa tagħhom, huma essenzjali għal parteċipazzjoni attiva tal-persuni b'diżabilita' fis-soċjeta', u li l-prinċipju ta' l-opportunitajiet indaqs

għall-persuni b'diżabilita' jirrappreżenta valur bażiku mħaddan mill-istati membri kollha tal-Kunsill ta' l-Ewropa;

5. il-kontribuzzjoni tal-moviment Ewropew tal-persuni b'diżabilita' lit-Tieni Konferenza Ministerjali dwar id-diżabilita' tal-Kunsill ta' l-Ewropa "Mill-kliem għall-fatti" (From words to deeds), adottat fil-Forum ta' l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi Ewropej li sar fit-8 ta' April 2003 f'Madrid;

6. l-eżistenza ta' varjazzjoni sostanzjali fost l-istati membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa rigward is-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali tagħhom u l-fatt li numru ta' pajjiżi, partikolarment dawk li għandhom ekonomija fi transizzjoni, huma anqas lesti biex jissodisfaw dak li jitolbu minnhom *policies* moderni dwar id-diżabilita' u għandhom bżonn ta' aktar pariri u aktar assistenza;

7. il-fatt li *policies* dwar il-persuni b'diżabilita' huma ffaċċjati minn ċerti sfidi politiċi, ekonomiċi, soċjali, demografiċi, kulturali u teknoloġiċi, billi, f'dawn l-aħħar snin, l-Ewropa għaddiet minn diversi tibdil, li jaffettwa l-kwalita' tal-ħajja tal-popolazzjoni u joħolqu sfidi mutlipliċi waqt li joffru opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp ta' *policies* koerenti dwar il-persuni b'diżabilita';

8. il-fatt li żewġ aspetti huma speċjalment relevanti fil-qasam tal-persuni b'diżabilita': fuq naħa waħda, in-numru dejjem jiżdied tal-popolazzjoni anzjana Ewropea, li trid tiġi kkunsidrata f'kull strateġija futura għall-koeżjoni soċjali, ibbażata fuq il-prevenzjoni minn dipendenza fuq servizzi ta' sapport matul il-ħajja u l-preservazzjoni ta' kwalita' ta' ħajja fl-anzjanita'; fuq in-naħa l-oħra, il-fatt li, bħala riżultat ta' l-avvanzi xjentifiċi fil-qasam tas-saħħa u t-titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja, persuni b'nuqqasijiet fiżiċi u mentali jgħixu aktar b'ħajja aktar mimlija, jiġġeneraw bżonnijiet ġodda fil-konfront tal-provista ta' servizzi, sapport ekonomiku u protezzjoni tad-drittijiet umani tagħhom;

9. il-fatt li l-2003 ġiet ipproklamata mill-Unjoni Ewropea bħala s-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilita', u li l-għan prinċipali ta' din is-sena kien li titqajjem għarfien akbar dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilita' għall-opportunitajiet indaqs u biex tippromwovi t-tgawdija sħiħa u ugwali ta' dawn id-drittijiet;

10. ix-xogħol tal-Kumitat Ad Hoc tan-Nazzjonijiet Uniti "biex jikkonsidra proposti għal konvenzjoni internazzjonali komprensiva u integrata biex tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet u d-dinjita' tal-persuni b'diżabilita'";

11. ix-xogħol li sar mill-Kumitat dwar ir-Rijabilitazzjoni u l-Integrazzjoni tal-Persuni b'Diżabilita' tal-Kunsill ta' l-Ewropa, li jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni intergovernattiva fil-qafas ta' Ftehim Parzjali fil-qasam Soċjali u tas-Saħħa Pubblika;

12. il-kisbiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa u organizzazzjonijiet oħra internazzjonali, istituzzjonijiet u ġrajjiet kif elenkati fl-Appendiċi ta' din id-Dikjarazzjoni;

**2. Jirrijaffermaw:**

13. l-impenn tagħna li nassiguraw id-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali lil kull min hu taħt il-ġurisdizzjoni tal-pajjiżi tagħna, kif hemm fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani, u li kull persuna umana titwieled libera u ugwali fid-dinjita' u d-drittijiet, u b'potenzjali li jikkontribwixxu b'mod kostruttiv għall-iżvilupp u l-ġid tas-soċjeta', u li kull persuna hi ugwali quddiem il-liġi u hi intitolata għall-protezzjoni ugwali tal-liġi;

14. li l-arranġamenti għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-drittijiet umani kollha, kif imħaddna fi strumenti dwar id-drittijiet umani Ewropej u oħrajn, għandhom ikunu jgħoddu mingħajr diskriminazzjoni jew distinzjoni minħabba l-ebda raġuni, inkluż id-diżabilita';

15. ir-rieda tagħna espressa fl-Ewwel Konferenza tal-Ministri responsabbli mill-*policies* għall-persuni b'diżabilita', li saret f'Pariġi fl-1991, biex tippromwovi *policy* koerenti u integrata għall-persuni b'diżabilita', u li r-Rakkomandazzjoni Nru. R (92) 6 dwar "*Policy* koerenti għall-persuni b'diżabilita'" (A coherent policy for people with disabilities) ispirat lill-pajjiżi biex jadottaw leġislazzjoni u miżuri ta' *policy* li jwasslu biex ikun hemm progress fit-triq għall-parteċipazzjoni sħiħa, u li dan hu dokument bażiku ta' riferenza li għandu jservi ta' bażi għall-azzjoni futura;

16. li t-tkabbir taċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilita' tinħtieġ li l-individwi jingħataw il-poter biex hu jew hi jkun jista' jieħu jew tkun tista' tieħu kontroll ta' ħajtu jew ħajjitha, u li dan jista' jirrikjedi miżuri speċifiċi ta' sapport;

**3. Jikkonsidraw:**

17. li l-għan prinċipali tagħna, għall-għaxar snin li ġejjin hu li titjieb il-kwalita' tal-ħajja tal-persuni b'diżabilita' u l-familji tagħhom, bl-enfasi tkun l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjeta', billi soċjeta' parteċipattiva u aċċessibbli hi ta' benefiċċju għall-popolazzjoni kollha;

18. li miżuri maħsuba biex titjieb il-kwalita' tal-ħajja ta' persuni b'diżabilita' għandhom ikunu bbażati fuq *assessment* tajjeb tas-sitwazzjoni, il-potenzjal u l-bżonnijiet tagħhom, li jieħdu konsiderazzjoni tal-preferenzi tagħhom, dak li huma intitolati għalih u ċ-ċirkustanzi tagħhom;

19. li strateġija xierqa biex jintlaħaq dan il-għan għandha tkun espressa fi Pjan ta' Azzjoni tal-futur biex tippromwovi l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilita' ta' kull eta', b'aċċenn speċjali lejn nisa b'diżabilita' u persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport, biex

huma jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet umani, il-libertajiet fundamentali u ċ-ċittadinanza sħiħa tagħhom;

20. li hu neċessarju li tkun adottata approwċ integrata biex ikunu mfasslin *policies* u leġislazzjoni dwar id-diżabilita' fuq il-livell nazzjonali u internazzjonali u, li malajr jirriflettu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita' f'kull qasam relevanti tal-*policies*, b'mod partikolari oqsma prinċipali bħalma huma d-djar, l-edukazzjoni, il-gwida vokazzjonali, il-kura tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali.

21. li objettiv bażiku hu li jiġu żviluppati miżuri ekonomiċi, soċjali, edukattivi, dwar l-impjieg u dwar is-saħħa, biex tinżamm il-kapaċita' individwali massima fuq il-ħajja ta' kull persuna b'diżabilita' u biex tgħin ħalli jkun hemm prevenzjoni tad-diżabilita';

22. li l-edukazzjoni hi strument bażiku għall-integrazzjoni soċjali u jridu jsiru sforzi biex tfal b'diżabilita' jingħataw l-opportunita' li jattendu skejjel *mainstreamed*, jekk ikun fl-interess tat-tifel jew tifla, biex tiffaċilita t-transizzjoni mill-iskola jew mill-edukazzjoni għolja għall-impjieg, u li jiġi żviluppat il-kunċett tat-tagħlim ta' matul il-ħajja kollha;

23. li l-ugwaljanza għall-aċċess għal impjieg hi element importanti għall-parteċipazzjoni soċjali u għalhekk għandu jkun hemm progress għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilita' fis-suq tax-xogħol, preferibbilment fis-suq miftuħ, u nibdlu l-aċċenn biex l-assessjar ikun ta' l-abbiltajiet, u li jiġu implimentati *policies* attivi, u li jkollok post tax-xogħol b'diversita' fil-ħaddiema billi jkun inkoraġġit l-aċċess għall-persuni b'diżabilita' fis-suq ordinarju tax-xogħol għax dan ifisser li hu valur miżjud għas-soċjeta'.

24. hu essenzjali li nifhmu n-natura soċjali tat-teknoloġija u li nagħmlu l-aħjar użu tal-potenzjal tat-teknoloġiji ġodda, bil-għan li tiżdied l-awtonomija u l-interazzjoni tal-persuni b'diżabilita' f'kull qasam tal-ħajja;

25. li bħala riżultat ta' l-avvanzi xjentifiċi fil-qasam tas-saħħa u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja, persuni b'nuqqas fiżiku, psikoloġiku u intellettwali qed jgħixu aktar, u għalhekk qed jinħolqu bżonnijiet u sfidi ġodda fil-konfront tal-provediment ta' servizzi ta' ħarsien, li jridu jiġu sodisfatti permezz ta' approwċis innovattivi;

26. il-bżonn li jassiguraw li l-benefiċċji ta' ħajja itwal ma jirriżultawx f'numru dejjem jikber ta' persuni dipendenti fuq servizzi ta' sapport, billi nseddqu, fost il-popolazzjoni, sa minn eta' żgħira, drawwiet u kundizzjonijiet tal-ħajja b'saħħithom li jgħinu biex ikun hemm stat ta' saħħa fiżika u mentali b'saħħtu aktar tard fil-ħajja;

27. li hemm bżonn li jkun hemm progress biex jitneħħew l-ostakli u l-adottazzjoni tal-prinċipju tad-Disinn Universali li jassigura biex ma jinħolqux ostakli ġodda;

28. li hemm numru żgħir imma dejjem jiżdied ta' persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn ta' livell għoli ta' sapport u li għalhekk hemm bżonn nagħrfu li l-istrutturi madwar dawn l-individwi u l-familji tagħhom iridu jissaħħu mingħajr ma jmorru 'l hinn mill-mudell ta' servizzi bbażati fil-komunita';

29. li s-sitwazzjoni tan-nisa f'diżabilita' fl-Ewropa għandha bżonn li tingħaraf aktar u tingħata aktar attenzjoni speċifika biex tkun garantita l-indipendenza, l-awtonomija, il-parteċipazzjoni u l-integrazzjoni soċjali tagħhom, u li tittieħed azzjoni biex tissapportja approwċ fejn l-*issues* tal-ġeneru jkunu *mainstreamed* fejn tidħol l-iżvilupp tal-*policy* dwar id-diżabilita'.

**4. Jikkommettu ruħhom:**

30. li jaħdmu f'qafas anti-diskriminatorju u tad-drittijiet umani lejn il-*mainstreaming* ta' opportunitajiet Indaqs għall-persuni b'diżabilita' fl-oqsma kollha ta' *policy*;

31. li ma jiddiskriminawx minħabba l-oriġini tad-diżabilita' jew l-identita' tal-persuna b'diżabilita';

32. li jsaħħu l-possibiltajiet li persuni b'diżabilita' jkollhom ħajja indipendenti, fi ħdan il-komunita', permezz ta' adottazzjoni tal-prinċipji ta' teknoloġija inklużiva u d-Disinn Universali inter alia fil-bini ta' l-ambjent, faċilitajiet pubbliċi, sistemi ta' komunikazzjoni u djar;

33. li jaħdmu biex jissaħħaħ il-koordinament bejn u ma' dipartimenti governattivi, b'impenn partikolari li jippromwovu l-ugwaljanza fil-provediment ta' servizzi *mainstreamed*, il-kura tas-saħħa u s-sistema legali kif ukoll titjieb il-kontabbilita' bejn oqsma ta' responabbiltajiet fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali.

34. li jippromwovu l-provista ta' servizzi ta' kwalita', li jirrispondu għall-bżonnijiet ta' l-individwi b'diżabilita' u li jkunu jistgħu jiġu aċċessati permezz ta' kriterji ta' eliġibilita' ppubblikati, ibbażati fuq *assessment* profond u ekwu, liema kriterji jkunu mfasslin mill-għażliet, l-awtonomija, il-ġid u r-rappreżentazzjoni tal-persuni b'diżabilita' nfushom, b'salvagwardji xierqa, regolari u b'aċċess għal smigħ indipendenti ta' l-ilmenti, u li jikkonsolidaw u jsaħħu miżuri diġa' eżistenti;

35. li jippromwovu bil-qawwa l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilita' f'kull qasam tal-ħajja permezz ta' edukazzjoni u billi jkun hemm impenn lejn il-persuni b'diżabilita' bħala ċittadini b'kontroll fuq ħajjithom;

36. li jkomplu l-progress għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilita' fis-suq tax-xogħol billi jmexxu l-aċċenn lejn assessjar ta' l-abbiltajiet, b'mod partikolari l-abbiltajiet vokazzjonali, u billi jagħmlu l-gwida vokazzjonali u t-taħriġ kif ukoll l-impjieg aktar aċċessibbli;

37. li jagħtu rendikont sħiħ tal-bżonnijiet tat-tfal b'diżabilita' u l-familji tagħhom kif ukoll ta' persuni anzjani b'diżabilita' mingħajr ma jitnaqqas l-impenn li hawn bħal issa lejn il-persuni adulti b'diżabilita' ta' l-eta' tax-xogħol, waqt li jaraw li l-impjieg ma jistax jiġi kkunsidrat bħala l-uniku miżura għaċ-ċittadinanza, l-arena biex tipparteċipa u t-triq li twassal għad-dinjita' umana;

38. li jkomplu jissapportjaw riċerka bażika u xjentifika applikata b'mod partikolari fil-qasam ta' teknoloġiji ġodda ta' informazzjoni u komunikazzjoni, bil-għan li jitjiebu l-għajnuniet li jippermettu l-parteċipazzjoni interattiva f'kull qasam tal-ħajja;

39. li jimplimentaw il-mezzi neċessarji biex ikun hemm bilanċ effettiv ta' opportunitajiet bejn l-irġiel u n-nisa, u l-parteċipazzjoni attiva tal-persuni b'diżabilita', b'aċċenn speċjali lejn in-nisa u t-tfal bniet fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieg, il-politika soċjali, il-parteċipazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet, is-sesswalita', ir-rappreżentanza soċjali, li ssir omm, il-ħajja tal-familja u tad-dar, u l-prevenzjoni mill-vjolenza;

40. li jkomplu jagħmlu analiżi ta' l-iskop ta' miżuri u provedimenti li jistgħu b'mod effettiv itejbu l-għajxien fil-komunita' tal-persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn livell għoli ta' sapport, u li jiġbru statistika neċessarja għad-definizzjoni u l-evalwazzjoni tal-*policies* dwar id-diżabilita';

41. li l-bżonnijiet tal-familji ta' tfal b'diżabilita' jkunu assessjati bil-għaqal mill-awtoritajiet responsabbli bil-għan li jipprovdu miżuri ta' sapport li jgħinu lit-tfal jikbru fil-familji tagħhom, li jkunu inklużi fil-ħajja tat-tfal lokali, u li jirċievu edukazzjoni;

42 li jassessjaw il-bżonnijiet tal-familji bħala dawk li jipprovdu ħarsien informali, speċjalment ta' dawk it-tfal li għandhom bżonn ta' livell għoli ta' sapport, bil-għan li jiġu pprovduti miżuri ta' informazzjoni, taħriġ u assistenza, inkluż sapport psikoloġiku, li jinkoraġġixxu ħajja fi ħdan il-familja;

43 li jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' programmi u riżorsi biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita' meta dawn jikbru;

44. li jseddqu fost il-popolazzjoni minn eta' żgħira drawwiet ta' saħħa u kundizzjonijiet tal-ħajja biex hekk jaslu għall-anzjanita' bl-ogħla standard ta' saħħa fiżika u mentali;

45 li jaħdmu lejn żvilupp ta’ immaġni pożittiva tal-persuni b’diżabilita’ b’kooperazzjoni ma’ diversi entitajiet involuti, inkluż il-medja;

46. li jinvolvu persuni b’diżabilita’ fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwahom personalment, u lill-organizzazzjonijiet tal-persuni b’diżabilita’ fit-tfassil tal-*policies*, waqt li jagħtu attenzjoni speċjali lill-persuni li għandhom aktar minn nuqqas bijoloġiku wieħed jew nuqqasijiet kumplessi u dawk li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom;

47. li jippromwovu l-involviment u l-kollaborazzjoni ta’ l-imsieħba soċjali u dawk kollha involuti fit-tfassil tal-*policies* kemm mis-settur pubbliku kif ukoll privat;

**5. Jirrakkomandaw:**

48. li l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta’ l-Ewropa jkompli jippromwovi *policies* maħsuba li jassiguraw ċittadinanza sħiħa u parteċipazzjoni attiva tal-persuni b’diżabilita’, bil-parteċipazzjoni sħiħa ta’ l-istati membri kollha, u li jsaħħaħ ir-rwol tal-Kunsill ta’ l-Ewropa bħala bażi għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-tfassil ta’ deċiżjonjiiet dwar id-diżabilita’ billi jistieden lill-Kumitat dwar ir-Rijabilitazzjoni u l-Integrazzjoni tal-Persuni b’Diżabilita’ u kumitati oħra relevanti tal-Kunsill ta’ l-Ewropa biex ikomplu l-proċess tal-*mainstreaming* tal-*policies* dwar id-diżabilita’ fl-oqsma li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom;

49. it-tfassil, waqt li jieħdu konsiderazzjoni tal-punti mqajma minn din il-Konferenza Ministerjali, ta’ Pjan ta’ Azzjoni tal-Kunsill ta’ l-Ewropa għall-persuni b’diżabilita’: Qafas Ewropew ta’ *policy* ġdida għall-għaxar snin li ġejjin, ibbażata fuq id-drittijiet umani u sħubija bejn setturi differenti, u li jfassal objettivi strateġiċi u oqsma ta’ prijorita’ biex tinkiseb iċ-ċittadinanza sħiħa u l-parteċipazzjoni attiva tal-persuni b’diżabilita’ fil-ħajja tal-komunita’, permezz ta’ *policies* li jaħdmu, li jistgħu jkunu ffinanzjati u sostenibbli;

50. li l-Kunsill ta’ l-Ewropa jieħu rwol attiv fin-negozjar fil-kuntest tas-sessjonijiet li se jsiru mill-Kumitat ad hoc tan-Nazzjonijiet Uniti, maħtur “biex jikkonsidra proposti għall-konvenzjoni internazzjonali komprensiva u integrali biex tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet u d-dinjita’ tal-persuni b’diżabilita’”, billi jsir użu ta’ l-esperjenza vasta tal-Kunsill f’materji relatati mad-drittijiet umani;

**6. Jistiednu:**

51. il-membri kollha tal-Kunsill ta’ l-Ewropa u stati osservaturi u rappreżentanti minn organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi biex jipparteċipaw fl-attivitajiet u l-ħidma tal-Kunsill maħsuba biex isaħħu *policy* koerenti għal u permezz ta’ parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b’diżabilita’;

**7. Jixtiequ:**

52. Ii jaqsmu t-twemmin, il-valuri u l-prinċipji dwar id-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali tal-persuni b'diżabilita', kif ukoll ċittadinanza sħiħa u parteċipazzjoni attiva fil-ħajja tal-komunita', kif jidhru f'din id-Dikjarazzjoni tal-Ministri Ewropej, u identifikati ma' kulħadd inkluż persuni barra mill-Ewropa, bħala fatturi komuni Ewropej.

* * *

Fl-aħħarnett, nirringrazzjaw lill-awtoritajiet Spanjoli għall-organizzazzjoni eċċellenti tal-Konferenza u l-ospitalita' ġeneruża tagħhom.

*Appendiċi 2 għal Pjan ta' Azzjoni*

**Testi ta' Referenza**

(Nota: Minħabba li dawn it-testi ma jeżistux bil-Malti, l-ismijiet tagħhom tħallew bl-Ingliż. Riferenza għalihom fit-test tal-Pjan hi kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż).

Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms (ETS No. 5);

European Social Charter (ETS No. 35) and European Social Charter (revised) (ETS No. 163);

European Code of Social Security (ETS No. 48), Protocol to the European Code of Social Security (ETS No. 48A), European Code of Social Security (revised) (ETS No. 139);

Convention for the Protection of Human Rights and Dignity of the Human Being with regard to the Application of Biology and Medicine: Convention on Human Rights and Biomedicine (ETS No. 164);

European Convention on Architectural Heritage (ETS No. 121);

Landscape Convention (ETS No. 176);

"Strategy for Social Cohesion" adopted by the European Committee for Social Cohesion of the Council of Europe on 12 May 2000;

Recommendation No. R (86) 18 of the Committee of Ministers on the European Charter on Sport for all: disabled persons;

Recommendation No. R (92) 6 of the Committee of Ministers on a coherent policy for people with disabilities;

Resolution ResAP(95)3 on a charter on the vocational assessment of people with disabilities;

Recommendation No. R (96) 5 of the Committee of Ministers to member states on reconciling work and family life;

Recommendation No. R (98) 3 of the Committee of Ministers to member states on access to higher education;

Recommendation No. R (98) 9 of the Committee of Ministers to member states on dependence;

Recommendation No. R (99) 4 of the Committee of Ministers to member states on the legal protection of incapable adults;

Recommendation Rec(2001)12 of the Committee of Ministers to member states on the adaptation of health care services to the demand for health care and health care services of people in marginal situations;

Recommendation Rec(2001)19 of the Committee of Ministers to member states on the participation of citizens in local public life;

Recommendation Rec(2002)5 of the Committee of Ministers to member states on the protection of women against violence;

Recommendation Rec(2003)3 of the Committee of Ministers to member states on balanced participation of women and men in political and public decision-making;

Recommendation Rec(2003)19 of the Committee of Ministers to member states on improving access to social rights;

Recommendation Rec(2004)10 of the Committee of Ministers to member states concerning the protection of the human rights and dignity of persons with mental disorder;

Recommendation Rec(2004)11 of the Committee of Ministers to member states on legal, operational and technical standards for e-voting;

Recommendation Rec(2004)15 of the Committee of Ministers to member states on electronic governance ("e-governance");

Recommendation Rec(2005)5 of the Committee of Ministers to member states on the rights of children living in residential institutions;

Resolution ResAP(2001)1 of the Committee of Ministers of the Council of Europe on the introduction of the principles of Universal Design into the curricula of all occupations working on the built environment ("The Tomar Resolution");

Resolution ResAP(2001)3 of the Committee of Ministers of the Council of Europe "Towards full citizenship for people with disabilities through inclusive new technologies";

Resolution ResAP(2005)1 of the Committee of Ministers of the Council of Europe on safeguarding adults and children with disabilities against abuse;

Recommendation 1185 (1992) of the Parliamentary Assembly of the Council of Europe on rehabilitation policies for the disabled;

Recommendation 1418 (1999) of the Parliamentary Assembly of the Council of Europe on the protection of the human rights and dignity of the terminally ill and the dying;

Recommendation 1560 (2002) of the Parliamentary Assembly of the Council of Europe “Towards concerted efforts for treating and curing spinal cord injury”;

Recommendation 1592 (2003) of the Parliamentary Assembly of the Council of Europe “Towards full social inclusion of persons with disabilities”;

Recommendation 1598 (2003) of the Parliamentary Assembly of the Council of Europe on protection of sign languages in the member states of the Council of Europe;

Recommendation 1601 (2003) of the Parliamentary Assembly of the Council of Europe on improving the lot of abandoned children in institutions;

Recommendation 1698 (2005) of the Parliamentary Assembly of the Council of Europe on the rights of children in institutions;

Resolution 216 (1990) of the Standing Conference of Local and Regional Authorities of Europe (currently the Congress of Local and Regional Authorities of the Council of Europe (Congress)) on the rehabilitation and integration of the disabled: role of local authorities;

Congress Recommendation 129 (2003) and Resolution 153 (2003) on employment and vulnerable groups;

Revised European Charter on the Participation of Young People in Local and Regional Life (Congress), 21 May 2003;

Final Declaration adopted by the Heads of State and Government of the member states of the Council of Europe, meeting in Strasbourg for the Second Summit of the Council of Europe (October 1997), who recognised that “social cohesion is one of the foremost needs of the wider Europe and should be pursued as an essential complement to the promotion of human rights and dignity”;

Final Declaration (Malta Declaration) adopted at the Council of Europe Conference on Access to Social Rights, 14-15 November 2002;

Council of Europe Commissioner for Human Rights contributions;

United Nations Convention on the Rights of the Child (1989);

United Nations International Covenant on Economic, Social and Cultural Rights (1966);

United Nations International Covenant on Civil and Political Rights (1966);

United Nations Universal Declaration of Human Rights (1948);

United Nations Standard Rules on the Equalisation of Opportunities for Persons with Disabilities (1993);

UNESCO Salamanca Statement and Framework for Action on Special Needs Education (1994);

International Plan of Action on Ageing, adopted by the Second World Assembly on Ageing, Madrid, 8-12 April 2002;

Regional Implementation Strategy for the Madrid International Plan of Action on Ageing 2002, adopted by the United Nations Economic Commission for Europe Ministerial Conference on Ageing, Berlin, 11-13 September 2002;

International Classification of Impairments, Disabilities and Handicaps (ICIDH) (1980) of the World Health Organisation (WHO);

International Classification of Functioning, Disability and Health (ICF) (2001) of the World Health Organisation (WHO);

Convention concerning Vocational Rehabilitation and Employment (Disabled Persons) of the International Labour Organisation (ILO) (No.C159), 1983, and the corresponding ILO Recommendation on Vocational Rehabilitation and Employment (Disabled Persons) (No. R168), 1983

Resolution of the Council and the Ministers for Education meeting with the Council of 31 May 1990 concerning integration of children and young people with disabilities into ordinary systems of education;

Communication of the Commission on Equality of Opportunity for People with Disabilities: a New European Community Disability Strategy (COM(96) 406 final);

Resolution of the Council of the European Union and of the representatives of the governments of the member states meeting within the Council of 20 December 1996 on equality of opportunity for people with disabilities;

Council Recommendation of 4 June 1998 on a parking card for people with disabilities (98/376/EC);

Council Resolution of 17 June 1999 on equal employment opportunities for people with disabilities (1999/C 186/02);

Communication from the Commission to the Council, the European Parliament, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions: Towards a Barrier Free Europe for People with Disabilities (COM(2000) 284 final);

Council Directive (2000/78/EC) of 27 November 2000 establishing a general framework for equal treatment in employment and occupation;

Council Decision (2000/750/EC) of 27 November 2000 establishing a Community action programme to combat discrimination (2001-2006);

Council Decision (2001/903/EC) of 3 December 2001 on a European Year of People with Disabilities 2003;

Council Resolution on 6 February 2003 “eAccessibility” - improving the access of people with disabilities to the knowledge based society, (2003/C 39/03);

Council Resolution of 5 May 2003 on equal opportunities for pupils and students with disabilities in education and training (2003/C 134/04);

Council Resolution on 6 May 2003 on accessibility of cultural infrastructure and cultural activities for people with disabilities (2003/C 134/05);

Council Resolution of 15 July 2003 on promoting the employment and social integration of people with disabilities (2003/C 175/01);

Communication from the Commission to the Council, the European Parliament, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions: eAccessibility (COM(2005) 425 final);

Communication from the Commission to the Council, the European Parliament, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions: Implementation, results and overall assessment of the European Year of People with Disabilities 2003 (COM(2005) 486 final);

Communication from the Commission to the Council, the European Parliament, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions: Situation of disabled people in the enlarged European Union: the European Action Plan 2006-2007 (COM(2005) 604 final);

Communication from the Commission to the Council, the European Parliament, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions: Equal opportunities for people with disabilities: a European Action Plan (COM(2003) 650 final);

Madrid Declaration “Non-discrimination plus positive action results in social inclusion”, adopted at the European Conference of non-governmental organisations held in Madrid, March 2002;

Barcelona Declaration: the City and the Disabled (1995);

Declaration of the European Social Partners on the employment of people with disabilities (Cologne, May 1999);

Declaration of the Social Partners for the European Year of People with Disabilities: Promoting equal opportunities and access to employment for people with disabilities (20 January 2003);

Contribution of the European disability movement to the Council of Europe Second European Conference on disability “From words to deeds”, adopted at the European NGO Forum on 8 April 2003 in Madrid.

Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Persuni b’Diżabilita’ “Progress lejn il-parteċipazzjoni sħiħa bħala ċittadini”, adottata mit-tieni Konferenza Ewropea tal-Ministri responsabbli mill-*policies* ta’ integrazzjoni tal-persuni b’diżabilita’ li saret f’Malaga (Spanja) fis-7 u t-8 ta’ Mejju 2003;

**Il-Pjan ta’ Azzjoni tal-Kunsill ta’ l-Ewropa biex tippromwovi d-drittijiet u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b’diżabilita’ fis-soċjeta’: titjib fil-kwalita’ tal-ħajja tal-persuni b’diżabilita’ fl-Ewropa 2006-2015**